# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 8 ta' Jannar 2018**

**Rikors Kostituzzjonali numru 42/2014/1 LSO**

**Numru 1**

**Reginald Grech, George Ċini,**
**Carmel Schembri, Francis Portelli,**
**Anthony Parnis, Sebastian Gatt,**
**Rosario Chircop Luciano Spiteri,**
**Mario Spiteri**

***v.***

**Onor. Ministru għat-Trasport u**
**l-Infrastruttura;**
**Onor. Ministru għall-Ekonomija,**
**Investiment u Intrapriżi Żgħar;**
**Avukat Ġenerali;**
**Awtorità għat-Trasport f'Malta**

1. Dan huwa appell tal-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura, tal-Avukat Ġenerali u tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta ["il-konvenuti appellanti"] minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha fit-13 ta' Ottubru 2016, li sabet illi n-nuqqas ta' tiġdid ta' liċenza li kellhom l-atturi kien bi ksur tad-drittijiet fondamentali taħgħom imħarsa taħt l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ["l-Ewwel Protokoll"] u l-art. 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] kif ukoll taħt l-art. 45 tal-Kostituzzjoni u tal-art. 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ["il-Konvenzjoni"] moqrija flimkien mal-art. 1 tal-Ewwel Protokoll, u kkundannat lill-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura sabiex iħallas mija u sitta' u tmenin elf, tliet mija u ħamsin euro (€186,350) lil kull wieħed mill-atturi bħala kumpens għat-telf tal-liċenza u qligħ kif ukoll somma ulterjuri ta' elfejn euro (€2,000) kull wieħed bħala kumpens għad-danni non-pekunjarji, bl-imgħax.

2. Il-fatti relevanti huma dawn:

3. Sal-bidu tas-sena 2008 l-atturi kellhom liċenza (li nħarġet taħt l-Ordinanza dwar il-Ħaddiema tal-Port ["Kap. 171"]) li bis-saħħa tagħha setgħu jaħdmu bħala *foremen* tal-ħaddiema tal-port. Huma, fil-fatt, kienu ilhom jaqilgħu l-għejxien tagħhom għal numru ta' snin billi jagħmlu dan ix-xogħol. Il-liċenza tagħhom kienet tiskadi fl-aħħar ta' kull sena iżda, sakemm kienu jitħarsu l-kondizzjonijiet imsemmija fl-

istess liċenza, l-awtorità kompetenti kienet dejjem iġġedded il-liċenza tagħhom minn sena għal sena.

4. Ġara li bejn April tas-sena 2006 u l-1 ta' Novembru 2007 saru diversi laqgħat bejn il-gvern u r-rappreżentanti tal-*foremen* sabiex jintlaħaq qbil dwar kif kellha sseħħ ir-riforma tal-portijiet. Matul dawn il-laqgħat intlaħaq qbil li l-*foremen* għandhom jirtiraw ta' 61 sena. Wara, fl-24 ta' Diċembru 2007, il-Ministru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni ħareġ l-Avviż Legali numru 437/2007, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2008, li permezz tiegħu l-ministru stabbilixxa l-età tal-irtirar tal-*foremen* bħala dik ta' 61 sena. Dan l-Avviż Legali nħareġ taħt l-art. 17 tal-Kap. 171 li jgħid hekk:

> »Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti għall-eżekuzzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza u, mingħajr ħsara għall-ġeneralità tal-fuq imsemmi. biex:
>
> »…
>
> »(*b*) jipprovdu ... biex jistabbilixxi n-numru ta' *foremen* li għandu jkollhom liċenza u l-età li fiha *foremen* impjegati minn kuntrattur jistgħu jirtiraw. «

5. Kien hemm xi *foremen* oħra (mhux l-atturi f'dawn il-proċeduri) – li kienu ġa laħqu jew qrib li jilħqu l-età tal-irtirar imsemmi – li rreġistew l-Avviż Legali u fetħu proċeduri biex jattakkaw il-validità tar-regolament safejn impona età ta' irtirar.[1]

6. Fi Frar tas-sena 2008 twaqqaf skema ta' rtirar kmieni li permezz tiegħu dawk il-*foremen* li jkunu għalqu l-55 sena jew aktar setgħu jagħżlu li jirtiraw kmieni u jitħallsu tmint elef lira ta' Malta (Lm8,000) –

[1] Ara s-sentenzi fl-ismijiet Victor Spiteri *v.* L-Avukat Ġenerali *et*, Kost. 1 ta' Ottubru 2009 u Anthony Attard *et v.* Unjoni Ħaddiema Magħqudin *et*, Kost. 10 ta' Marzu 2014.

daqs tmintax-il elf, sitt mija u ħamsa u tletin euro (€18,635) – għal kull sena sal-età ta' 61.

7. L-atturi – li kienu jikkwalifikaw taħt dan l-iskema – għażlu li jużufruwixxu minnu. Huma rtiraw qabel ma għalqu 61 sena u rċevew il-ħlas hawn fuq imsemmi taħt l-iskema.

8. Jidher li wara li ngħatat is-sentenza minn din il-qorti fl-10 ta' Marzu 2014 fl-ismijiet Anthony Attard *et v*. Unjoni Ħaddiema Magħqudin *et* l-atturi reġa' bdielhom u ddeċidew li jiftħu din il-kawża tallum sabiex jingħataw kumpens ogħla minn dak li kienu rċevew taħt l-iskema: talbu illi l-qorti:

»1) tiddikjara illi l-liċenza bħala *foremen* tal-Ħaddiema tal-Port, li kellhom ir-rikorrenti u li kienet ilha għandhom għal żmien twil, hija possediment u ma' setgħetx titteħdilhom ħlief kif kien stabbilit fil-liġi qabel daħal fis-seħħ l-Avviż Legali numru 437/2007;

»2) tiddikjara li kull ftehim impost fuqhom biex jirtiraw mix-xogħol kif ukoll in-nuqqas ta' tiġdid ta' liċenza u, jew il-fatt li r-rikorrenti ġew kostretti permezz tal-Avviż Legali 437/2007 biex jirtiraw jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-atturi kif imħares taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

»3) tiddikjara illi permezz tal-ħruġ tal-Avviż numru 437/2007 ir-rikorrenti ġew indirettament imġiegħla jiffirmaw l-iskema ta' irtirar kmieni u b'riżultat ta' hekk huma ġew diskriminati meta mqabbla kemm ma' kull persuna oħra li jkollha proprjetà tagħha li tittieħed inġustament u kif ukoll meta mqabbla ma' diversi foremen oħra bħalhom li jew reġgħet iġġedittilhom il-liċenza jew ingħataw kumpens xieraq li jirrispekkja it-telf ta' qligħ tagħhom sal-età ta' wieħed u sebgħin sena u dan bi ksur ċar tal-artiklu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artiklu 14 tal-Konvenzjoni meta meħudin flimkien mal-artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll;

»4) tagħti dawk il-provvedimenti li jkunu meħtieġa sabiex dan il-ksur tad-drittijiet tal-atturi jiġi sanat u tagħti kull rimedju xieraq kontra dan il-ksur, inkluż il-ħlas ta' kumpens sabiex jagħmel tajjeb għat-teħid ta' din il-liċenza;

»5) tordna lill-intimati sabiex jattwaw ir-rimedju mogħti minn din l-onorabbli qorti fil-konfront tal-atturi fi żmien qasir u perentorju fissat minn dina l-onorabbli qorti.

9. L-Awtorità għat-Trasport f'Malta wieġbet għat-talbiet billi ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

> »i. Preliminarjament, l-awtorità esponenti mhijiex il-leġittimu kontradittur għall-ilment tal-esponenti u għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.
>
> »Jidher fil-fatt illi l-ilment ċentrali tar-rikorrenti jirrigwarda liġi partikolari (l-Avviż Legali 437/2007) li ċertament ma nħarġitx mill-awtorità esponenti. Għall-kuntrarju, l-awtorità hija marbuta li topera fil-qafas tal-liġi kif viġenti. F'dan ir-rigward huwa sinjifikanti illi fil-kawża ta' Anthony Attard, il-Qorti Kostituzzjonali, minkejja li laqgħet it-talbiet tar-rikorrenti fil-mertu, illiberat lill-UĦM u lill-awtorità esponenti mill-osservanza tal-ġudizzju billi ma kinux dawn li ħarġu l-avviż legali. Għalhekk mhux minnu li l-awtorità ħallset jew ġiet ordnata tħallas xi kumpens lil *fore-men* oħra.
>
> »ii. Fil-mertu, u b'mod ġenerali, ir-rikorrenti għandhom jippruvaw il-fatti allegati fir-rigward ta' kull wieħed u waħda minnhom
>
> »iii. Illi safejn qed jiġi allegat illi l-Avviż Legali 437/2007 huwa *ultra vires stante* li l-Kap. 171 jagħti poter lill-ministru jistabilixxi meta *fore-man* "jista'" u mhux "għandu" jirtira, l-esponenti b'kull rispett ma taqbilx mal-konklużjonijiet tal-qorti fil-kawża ta' <u>Anthony Attard *et*</u> (li qed jiġu invokati mir-rikorrenti f'dan il-każ). Dan għaliex minkejja li mhux kontestat illi t-test Malti tal-artiklu 17 tal-Ordinanza juża l-kelma "jista'" u mhux "għandu" jirtira, l-unika interpretazzjoni loġika tal-Ordinanza illi l-Ministru jista' jagħmel regolamenti li jistipulaw meta foreman għandu jirtira. Inkella, jekk wieħed isegwi l-argoment tar-rikorrenti sal-konklużjoni loġika tiegħu, wieħed jifhem li r-rikorrenti qed isostnu illi jekk, ngħidu aħna, l-ministru jistabilixxi l-età ta' 61 sena bħala l-età meta *foreman* jista' jirtira, *foreman* ikun marbut li ma jirtirax qabel dik l-età għax ma jkunx jista' jagħmel dan! L-interpretazzjoni korretta tat-test hija riflessa fit-traduzzjoni bl-Ingliż tal-Ordinanza, li tgħid "*shall retire*".
>
> »iv. Safejn qed tintalab dikjarazzjoni illi liċenza hija possediment u ma setgħetx tittieħed, it-talba hija ikkontestata *stante* illi:
>
> »[a] skont il-liġi u skont il-kundizzjonijiet indikati fl-istess liċenza, il-liċenza ta' *foreman* għandha validità ta' sena u tiskadi fil-wieħed u tletin ta' Diċembru ta' kull sena. Għalkemm il-liċenza tista' tiġġedded minn sena għal sena ċertament li ma tistax titqies xi "dritt għal dejjem" kif donnhom qed jippretendu r-rikorrenti. Għalhekk l-uniku dritt li jista' jkollu *foreman* huwa li jgawdi l-liċenza sal-aħħar tas-sena kurrenti u mhux li jgawdi dritt *in æternum;*
>
> »[b] il-liċenza ta' *foreman* ma tistax tiġi ekwiparata ma' xi liċenza ta' ħanut jew operazzjoni kummerċjali oħra *stante* li ma tistax tiġi ikkumerċjalizzata u ma għandhiex abbinata magħha xi *goodwill* bħal fil-każ ta' ħanut.
>
> »v. Safejn qed jiġi allegat ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja, it-talba hija ikkontestata kemm għaliex, kif ġà ntqal, liċenza ta' *foreman* mhijiex proprjetà jew possediment fis-sens Kostituzzjonali jew Konvenzjonali, kif ukoll għaliex:

»[a] fattwalment mhux minnu illi l-liċenza tar-rikorrenti ma ġietx imġedda u wisq anqas li r-rikorrenti ġew imġiegħla jirtiraw mix-xogħol. Għall-kuntrarju, ir-rikorrenti setgħu jibqgħu jaħdmu ta' *foremen* iżda volontarjament għażlu li jużufruwixxu minn skema ta' rtirar kmieni u ta' dan tħallsu kumpens sostanzjali. Iċ-ċirku-stanzi huma għal kollox differenti mill-każ ta' Victor Spiteri u Anthony Attard *et* fejn ir-rikorrenti kienu qed jilmentaw proprju għax ma ġewx offruti kumpens. Huma lesti r-rikorrenti illi, ladarba jridu jerġgħu lura mill-ftehim ta' rtirar kmieni immedjatament jirritornaw l-ammont li ġew imħallsa lilhom abbażi tal-istess ftehim?

»[b] kemm l-Avviż Legali kif ukoll l-iskema tal-irtirar kmieni kienet waħda raġjonevoli, legali u mhux arbitrarja. Dan tenut kont tal-fatt illi suppost huwa l-liċenzatarju li jrid iwettaq ix-xogħol ta' *foreman* u għalhekk għandu jkun fiżikament ideoneu għal dan ix-xogħol u ma jistax jaqbad u jiddelega l-obbligi tiegħu lil xi ħadd li mhux liċenzat. F'dan ir-rigward, l-esponenti tinnota illi anke s-sentenza fil-każ ta' Victor Spiteri, li ġiet ikkwotata b'ċertu entużjażmu mir-rikorrenti, tirrikonoxxi illi l-Avviż Legali huwa ġustifikabbli;

»[ċ] illi ta' min jgħid ukoll illi anke fl-ambitu ta' liġi Ewropea ġie aċċettat illi l-imposizzjoni ta' età ta' rtirar hija legalment aċċettabbli jekk isir għal skopijiet leġittimi u jiġi rispettat il-prinċipju ta' proporzjonalità (ara R (on the application of Age UK) *v.* Secretary of State for Business, Innovation and Skills [2009] EWHC 2336 (Admin), 2010 C.M.L.R. 21 u David Hutter *v.* Technische Universität Graz). Huwa wkoll prinċipju li nsibuh fi stati oħra tal-Unjoni Ewropeja (ara ngħidu aħna Seldon *v.* Clarkson Wright & Jakes [2010] EWCA Civ 899 deċiż mill-Qorti Suprema fl-Ingilterra).

»[d] fil-każ odjern, l-iskop wara l-liġi huwa wieħed leġittimu filwaqt illi l-prinċipju ta' proporzjonalità ġie kjarament rispettat stante illi r-rikorrenti tħallsu kumpens sostanzjali bil-quddiem talli għażlu li jirtiraw kmieni. F'dan ir-rigward, wieħed irid jiftakar illi l-iskema tal-irtirar kmieni ma ġietx imposta fuq ir-rikorrenti, u illi r-rikorrenti volontarjament għażlu li jirtiraw kmieni u li jitħallsu ta' dan.

»vi. Safejn qed tiġi allegata diskriminazzjoni u, partikolarment, ksur tal-artiklu 45 tal-Kostituzzjoni u tal-artiklu 14 tal-Konvenzjoni meħud flimkien mal-artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll:

»[a] qabel xejn l-artikoli msemmija huwa inapplikabbli f'dan il-każ għaliex id-diskriminazzjoni allegata ma taqax taħt xi wieħed mill-kriterji (bħala sess jew post ta' oriġini) imniżżla fl-istess artikoli;

»[b] fi kwalunkwe' każ mhux minnu illi l-esponenti aġixxiet b'xi mod diskriminatorju lejn ir-rikorrenti; anzi semmai l-istess rikorrenti ġew vantaġġjati meta, minħabba l-età tagħhom, ġew offerti l-iskema tal-irtirar kmieni li huma għażlu li jużufruwixxu minnha;

»[ċ] ir-rikorrenti ma jistgħux iqabblu ruħhom ma' *foremen* oħra li għażlu li ma japplikawx għall-iskema tal-irtirar kmieni.

»… … …

»Illi in suċċint għalhekk l-awtorità esponenti tissottometti illi hija mhix il-leġittimu kontradittur għall-ilmenti tar-rikorrenti u, mingħajr preġudizzju għal dan, iżżid tgħid illi r-rikorrenti qegħdin jivvantaw dritt ta' proprjetà

li fil-verità m'għandhomx u qed jallegaw diskriminazzjoni fil-konfront tagħhom illi ma tirriżultax mill-fatti.«

10. Il-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura, il-Ministru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar u l-Avukat Ġenerali wieġbu għat-talbiet tal-atturi billi ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

»1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, l-onor. Ministru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar mhuwiex leġittimu kontradittur fil-proċeduri odjerni u għaldaqstant għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

»2. Illi mingħajr preġudizzju u fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-allegat ksur tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem u tal-Kostituzzjoni ta' Malta huwa infondat fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:

» 2.1. Illi b'mod ġenerali, ir-rikorrenti għandhom jippruvaw il-fatti allegati fir-rigward ta' kull wieħed minnhom;

» 2.2. Illi safejn qed jiġi allegat illi l-Avviż Legali 437/2007 huwa *ultra vires stante* li l-Kap. 171 jagħti poter lill-Ministru jistabilixxi meta foreman "*jista'*" u mhux "*għandu"* jirtira, l-esponenti b'kull rispett ma jaqblux mal-konklużjonijiet tal-Qorti fil-kawża ta' <u>Anthony Attard *et*</u> (li qed jiġu invokati mir-rikorrenti f'dan il-każ). Dan għaliex minkejja li mhux kontestat illi t-test Malti tal-artikolu 17 tal-Ordinanza juża l-kelma *"jista'"* u mhux *"għandu jirtira",* l-unika interpretazzjoni loġika tal-Ordinanza hi li l-Ministru jista' jagħmel regolamenti li jistipulaw meta foreman għandu jirtira u mhux meta jista' jirtira. Li kieku ma kienx hekk, dan l-provvediment tal-liġi kien ikun superfluwu. *Di più*, u mingħajr preġudizzju, jekk għall-grazzja tal-argument biss wieħed isegwi l-argument tar-rikorrenti, fis-sens illi l-Ministru jistabilixxi l-eta' ta' 61 sena bħala l-età meta *foreman* jista' jirtira, dan ikun ifisser li *foreman* ikun prekluż milli jirtira qabel dik l-eta'. Effettivament, l-interpretazzjoni korretta tat-test hija dik riflessa fit-test bl-Ingliż tal-Ordinanza, li tgħid *"shall retire".* Isegwi għalhekk li l-Avviż Legali 437 tal-2007 sar in konformità mal-Att prinċipali u *cioè* mal-Ordinanza dwar il-Ħaddiema tal-Port (Kap. 171 tal-Liġijiet ta' Malta);

» 2.3. Illi safejn qed tintalab dikjarazzjoni illi liċenza hija possediment u ma setgħetx tittieħed, it-talba hija ikkontestata *stante* illi:

»2.3.1. skont il-liġi u skont il-kundizzjonijiet indikati fl-istess liċenza, il-liċenza ta' *foreman* għandha validità ta' sena u tiskadi fil-wieħed u tletin ta' Diċembru ta' kull sena. Għalkemm il-liċenza tista' tiġġedded minn sena għal sena ċertament li ma tistax titqies xi "dritt għal dejjem" kif donnhom qed jippretendu r-rikorrenti. Għal-

hekk l-uniku dritt li jista' jkollu *foreman* huwa li jgawdi l-liċenza sal-aħħar tas-sena kurrenti u mhux li jgawdi dritt *in æternum*; u

»2.3.2. il-liċenza ta' *foreman* ma tistax tiġi ekwiparata ma' xi liċenza ta' ħanut jew operazzjoni kummerċjali oħra *stante* li ma tistax tiġi ikkumerċjalizzata u m'għandhiex abbinata magħha xi *goodwil*" bħal fil-każ ta' ħanut;

» 2.4. Illi safejn qed jiġi allegat ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, it-talba hija ikkontestata kemm għaliex, kif ġà ntqal, liċenza ta' foreman mhijiex proprjetà jew possediment fis-sens Kostituzzjonali jew Konvenzjonali, kif ukoll għaliex:

»2.4.1. fattwalment mhux minnu illi l-liċenza tar-rikorrenti ma ġietx imġedda u wisq anqas li r-rikorrenti ġew imġiegħla permezz tal-Avviż Legali 437 tal-2007 jirtiraw mix-xogħol kif allegat minnhom. Għall-kuntrarju, ir-rikorrenti setgħu jibqgħu jaħdmu ta' *foreman* iżda volontarjament għażlu li jużufruwixxu minn skema ta' rtirar kmieni u ta' dan tħallsu kumpens sostanzjali. Iċ-ċirkustanzi huma għal kollox differenti mill-każ ta' Victor Spiteri u Anthony Attard *et* fejn ir-rikorrenti kienu qed jilmentaw proprju għax ma ġewx offruti kumpens. *Di più*, u dejjem mingħajr preġudizzju, id-dikjarazzjoni tar-rikorrenti fis-sens illi l-ftehim ta' rtirar kmieni ma jiswiex għaliex allegatament "ġie impost fuqhom" jikkozza mal-fatt li sal lum ir-rikorrenti ma rritornawx l-ammont li ġew imħallsa lilhom abbażi tal-istess ftehim;

»2.4.2. kemm l-Avviż Legali kif ukoll l-iskema tal-irtirar kmieni kienet waħda raġjonevoli, legali u mhux arbitrarja. Dan tenut kont tal-fatt illi suppost huwa l-liċenzatarju li jrid iwettaq ix-xogħol ta' *foreman* u għalhekk għandu jkun fiżikament idoneu għal dan ix-xogħol u ma jistax jaqbad u jiddelega l-obbligi tiegħu lil xi ħadd li mhux liċenzat. F'dan ir-rigward, l-esponenti jinnotaw illi anke s-sentenza fil-każ ta' Victor Spiteri, li ġiet ikkwotata b'ċertu entużjażmu mir-rikorrenti, tirrikonoxxi illi l-Avviż Legali huwa ġustifikabbli;

»2.4.3. illi ta' min jgħid ukoll illi anke fl-ambitu ta' liġi Ewropea ġie aċċettat illi l-imposizzjoni ta' età ta' rtirar hija legalment aċċettabbli jekk isir għal skopijiet leġittimi u jiġi rispettat il-prinċipju ta' proporzjonalità (ara R (on the application of Age UK) *v.* Secretary of State for Business, Innovation and Skills [2009] EWHC 2336 (Admin), 2010 C.M.L.R. 21 u David Hutter *v.* Technische Universität Graz). Huwa wkoll prinċipju li nsibuh fi stati oħra tal-Unjoni Ewropeja (ara ngħidu aħna Seldon *v.* Clarkson Wright & Jakes [2010] EWCA Civ 899 deċiż mill-Qorti Suprema fl-Ingilterra); u

»2.4.4. Fil-każ odjern, l-iskop wara l-liġi huwa wieħed leġittimu filwaqt illi l-prinċipju ta' proporzjonalità ġie kjarament rispettat *stante* illi r-rikorrenti tħallsu kumpens

sostanzjali bil-quddiem talli għażlu li jirtiraw kmieni. F'dan ir-rigward, wieħed irid jiftakar illi l-iskema tal-irtirar kmieni ma ġietx imposta fuq ir-rikorrenti, u illi r-rikorrenti volontarjament għażlu li jirtiraw kmieni u li jitħallsu ta' dan;

» 2.5. Illi safejn qed tiġi allegata diskriminazzjoni u, partikolarment, ksur tal-artiklu 45 tal-Kostituzzjoni u tal-artiklu 14 tal-Konvenzjoni meħud flimkien mal-artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll:

»2.5.1. illi huwa paċifiku illi hemm diskriminazzjoni meta (i) każijiet ugwali jew persuni f'sitwazzjonijiet ugwali; (ii) jiġu trattati b'mod differenti; u (iii) meta ma jkunx hemm bażi objettiva u raġonevoli għal tali trattament differenti (tali bażi objettiva u raġonevoli tiġi nieqsa meta t-trattament differenti jkun attribwibli għal kollox jew prinċipalment minħabba r-razza, il-post tal-oriġini, l-opinjonijiet politiċi, eċċetera tal-persuni). Isegwi għalhekk li l-artikoli msemmija ma japplikawx fil-każ odjern għaliex id-diskriminazzjoni allegata ma taqax taħt il-kriterji li għalihom jirreferu l-imsemmija artikoli;

»2.5.2. illi fi kwalunkwe' każ mhux minnu illi l-esponenti aġixxew b'xi mod diskriminatorju lejn ir-rikorrent, anzi semmai l-istess rikorrenti ġew vantaġġjati meta, minħabba l-età tagħhom, ġew offerti l-iskema tal-irtirar kmieni li huma għażlu li jużufruwixxu minnha; u

»2.5.3. dejjem mingħajr preġudizzju, r-rikorrenti ma jistgħux iqabblu ruħhom ma' *foremen* oħra li għażlu li ma japplikawx għall-iskema tal-irtirar kmieni.

»3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u biss għall-grazzja tal-argument, *dato ma non concesso* li ġew leżi d-drittijiet tar-rikorrent sanċiti bl-artikolu 14 u/jew bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u/jew l-artikolu 37 u/jew 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, allegazzjoni li l-esponenti qed jirrespinġu bil-qawwa, l-esponenti huma tal-umli fehma illi ma hemm l-ebda lok għal kumpens pekunarju. Għalkemm din l-onorabbli qorti fil-vesti kostituzzjonali tagħha tista' tagħti kull rimedju li jidhrilha xieraq, li l-iskop ewlieni tad-dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet fundamentali huwa sabiex jiġu stabbiliti *standards* u s-sejbien ta' vjolazzjoni ta' dawn l-i*standards* hija r-rimedju ewlieni.«

11. L-ewwel qorti iddeċidiet din il-kawża billi filwaqt li ħelset lill-Ministru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar mill-ħarsien tal-ġudizzju, ċaħdet l-eċċezzjonijiet u i. iddikjarat illi l-liċenza ta' *foreman* tal-ħaddiema tal-port hija "possediment" għall-għanijiet tal-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u tal-art. 37 tal-Kostituzzjoni;

ii. iddikjarat li n-nuqqas ta' tiġdid ta' liċenza tal-atturi sar bi ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom kif imħarsa taħt l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll u l-art. 37 tal-Kostituzzjoni; iii. iddikjarat illi l-atturi ġarrbu diskriminazzjoni, bi ksur tal-art. 45 tal-Kostituzzjoni u tal-art. 14 tal-Konvenzjoni meħuda flimkien mal-art. 1 tal-Ewwel Protokoll, meta mqabbla ma' *foremen* oħra bħalhom li jew reġgħet iġġedditilhom il-liċenza jew ingħataw kumpens xieraq għat-telf ta' qligħ tagħhom sal-età ta' wieħed u sebgħin sena; iv. ikkundannat lill-Gvern ta' Malta kif rappreżentat mill-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura sabiex iħallas lill-atturi ta' mija u sitta' u tmenin elf, tliet mija u ħamsin euro (€186,350) kull wieħed minnhom bħala kumpens għat-telf tal-liċenza u qligħ kif ukoll somma ulterjuri ta' elfejn euro (€2,000) kull wieħed bħala kumpens għad-danni non-pekunjarji, bl-imgħax li jibda jgħodd minn xahar mid-data tas-sentenza appellata. L-ewwel qorti ordnat ukoll li dan il-ħlas għandu jsir fi żmien xahar mid-data tas-sentenza appellata u li l-ispejjeż kollha jitħallsu mill-konvenuti, ħlief għall-ispejjeż tal-konvenut li nħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju, li jitħallsu mill-atturi.

12. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din id-deċiżjoni ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> »Illi r-rikorrenti jilmentaw li sofrew leżjoni fid-drittijiet fondamentali tagħhom fit-termini tal-artt. 37 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, aktar 'il quddiem imsejjaħ "Il-Kostituzzjoni" u tal-art. 14 u tal-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta, 'il quddiem imsejjaħ "Il-Konvenzjoni" meta tteħditilhom il-liċenza biex jaħdmu bħala *foremen* tal-ħaddiema tal-port b'konsegwenza tal-Avviż Legali 437/2007, u dan għar-raġunijiet esposti fir-rikors promotur; talbu rimedju għal tali leżjoni inkluż kumpens sabiex jagħmel tajjeb għat-teħid tal-liċenza msemmija.
>
> »Illi r-risposta tal-intimati fil-mertu huma kważi identiċi. Aparti dan issolevaw *in linea* preliminari li :

»1) L-Awtorità Għat-Trasport f'Malta eċċepiet li mhix il-leġittimu kontradittur;

»2) L-onor. Ministru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar mhuwiex il-leġittimu kontradittur;

»L-eċċezzjonijiet fil-mertu ser jiġu kkunsidrati aktar 'il quddiem.

»Illi l-fatti li jikkonċernaw l-iskop u l-kondizzjonijiet tar-riforma fil-portijiet, l-iffirmar għall-iskema mir-rikorrenti, l-kumpens li tħallsu, u l-posizzjoni tal-*foremen* l-oħra tal-ħaddiema tal-port mhumiex ikkontestati. Li hu kkontestat huwa l-volontarjetà *o meno, ossia* x-xelta libera li seta' kellhom ir-rikorrenti meta iffirmaw għall-iskema tal-irtirar kmieni introdotta bl-Avviż Legali 437/2007; il-legalità jew il-leġittimità *o meno* tal-imposizzjoni ta' età tal-irtirar fil-kuntest tad-drittijiet kostituzzjonali u konvenzjonali tar-rikorrenti; u jekk hemm kumpens dovut fiċ-ċirkostanzi.

»Dwar il-fatti paċifiċi jirriżulta li r-rikorrenti kollha kienu liċenzati bħala *foremen* tal-ħddiema tal-port fis-sena 2008. Kellhom għalhekk liċenza regolata mill-Kap. 171 tal-Liġijiet ta' Malta  li kienet tiġġedded kull sena. Bħala tali huma meqjusa persuni li jħaddmu lilhom infushom *(self employed)* u jeżerċitaw ix-xogħol tagħhom mad-diversi aġenti tal-vapuri, uħud minnhom bħala *shore foremen* u uħud bħala *foremen* abbord il-vapuri. Xogħolhom hu essenzjalment li jorganizzaw il-ħaddiema tal-port skont il-biċċa xogħol.

»Mhuwiex ikkontestat li r-rikorrenti baqgħu iġeddu l-liċenza regolarment sakemm daħlu fl-iskema tal-irtirar kif ukoll ma joħroġx mill-atti li qatt ittieħdu kontriehom xi proċeduri dixxiplinari minħabba xi aġir illegali.

»Fil-kuntest tar-riforma tal-portijiet, din kienet tinkludi l-privatizzazjoni tal-*cargo handling* kif ukoll riforma f'dak li kellu x'jaqsam mal-ħaddiema tax-xatt fuq il-liċenza tagħhom u anke fuq ħlas mill-fond tagħhom, kif ukoll riforma tal-*foremen* tal-ħaddiema tax-xatt. Bejn April 2006 u l-1 ta' Novembru 2007, saru diversi laqgħat bejn *negotiating team* appuntat mill-gvern u l-*foremen* kif rappreżentati mill-Union Ħaddiema Magħqudin li kienet tirrappreżenta l-maġġoranza tal-*foremen* liċenzati.

»Dan ġie eventwalment rifless fl-Avviż Legali numru 437/2007, maħruġ mill-Ministru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni fl-24 ta' Diċembru 2007 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2008.

»Sussegwentement fi Frar tas-sena 2008 kienet ġiet introdotta skema ta' rtirar kmieni li taħtha dawk il-*foremen*  li jkunu laħqu l-età ta' ħamsa u ħamsin sena setgħu jagħżlu li jirtiraw kmieni versu ħlas ta' somma ta' Lm8,000 għal kull sena sal-età statutorja tal-irtirar.

»Mhux ikkontestat illi xi *foremen* illi kienu ġa laħqu jew qrib li jilħqu l-età tal-irtirar skont dan l-Avviż Legali (61 sena) irreżistew dan l-Avviż Legali. Kien hemm fosthom li fetħu proċeduri biex jattakkaw ir-regolament safejn impona l-età ta' rtirar. Hawn qed issir referenza għall-proċeduri fl-ismijiet Victor Spiteri *v.* l-Avukat Ġenerali *et* [1/2008] u Anthony Attard *et v.* UHM *et* [60/2007] li jissemmew diversi drabi fir-rikors promotur.

»Jirriżulta mhux ikkontestat li *stante* l-eżitu tas-sentenzi msemmija mill-Qorti Kostituzzjonali, l-awtorità intimata offriet lura l-liċenza lil dawk il-*foremen* li ma kinux aċċettaw l-iskema tal-irtirar kmieni. Din l-

istess għażla ma ġietx offruta lir-rikorrenti odjerni billi kienu aċċettaw li jidħlu fl-iskema u aċċettaw il-kumpens offrut.

»Madankollu jirriżulta mix-xiehda tal-istess Dr Robert Vassallo li hu *legislation and compliance manager* mad-Direttorat tal-Portijiet u Yachting tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta li qal li l-artiklu introdott bl-emendi in kontestazzjoni mhux ser jiġi infurzat u dawk il-*foremen* li huma reġistrati mal-koperattiva jibqgħu bil-liċenza sakemm saħħithom tippermettilhom.

»Fit-2 ta' Frar 2008 intbagħtet ittra lir-rikorrenti individwalment fejn ġew infurmati li ser tiġi introdotta l-iskema ta' irtirar kmieni għal dawk il-*foremen* li fid-data effettiva tal-ftehim (milħuq mal-UĦM) u *cioè* 1 ta' Novembru 2007, ikunu laħqu l-età ta' 55 sena. Ir-rikorrenti iffirmaw dikjarazzjoni *standard form* mehmuża mal-ittra, ukoll datata it-2 ta' Frar 2008.

»Ir-rikorrenti rċevew kumpens ikkalkolat bir-rata ta' €18,635 (Lm8,000) għal kull sena servizz jew għal kull parti tas-sena servizz mid-data ta' l-irtirar sal-età ta' 61 sena. Konsegwentement, dejjem skont l-etajiet rispettivi li kellhom meta daħlu fl-iskema, ir-rikorrenti rċevew is-segwenti ħlas:-

- Reginald Grech - €37,270 (Lm16,000) (sena)
- George Ċini - €37,270 (Lm16,000) (sentejn)
- Carmel Schembri - €75,540 (Lm32,000) (4 snin)
- Francis Portelli - €75,540 (Lm32,000) (4 snin)
- Anthony Parnis - €55,905 (Lm24,000) (3 snin)
- Sebastian Gatt - €55,905 (Lm24,000) (3 snin)
- Rosario Chircop - €93,175 (Lm40,000) (5 snin)
- Luciano Spiteri - €75,540 (Lm32,000) (4 snin)
- Mario Spiteri - €111,810 (Lm48,000) (6 snin)

»Il-ħruġ tal-liċenza ta' *foreman* hija regolata mil-liġi ewlenija (Kap 171) kif ukoll minn leġislazzjoni sussidjarja maħruġa fl-1993.

»Illi l-attività ta' *foreman* huwa definit fl-art. 2 tal-Ordinanza dwar il-Ħaddiema tal-Port (Kap 171) bħala:

> »*"foreman"* tfisser kull persuna li, akkont tagħha jew akkont ta' persuna oħra, timpjega ħaddiema tal-port;"

»Din l-attività hija waħda regolata bl-art. 5 tal-Kap. 171 li jgħid hekk:

> »"5. (1) Ebda persuna ma għandha taġixxi bħala *foreman* –
>
> »(a) jekk tkun ħaddiem tal-port;
>
> »(b) jekk ma jkollhiex liċenza għal hekk mid-Direttur.
>
> »(2) Il-liċenza tkun suġġetta għal dawk il-kundizzjonijiet li jkunu jinsabu fiha jew f'xi tiġdid tagħha, u tiskadi fil-wieħed u tletin ta' Diċembru ta' kull sena iżda tista' tiġġedded minn sena għal sena:
>
> »Iżda l-liċenza għandha tiskadi awtomatikament jekk il-*foreman* jiġi misjub ħati ta' serq li jkun sar matul jew dwar xogħol tal-port.

»(3) Jekk xi *foreman* jikser jew jonqos milli jħares id-dis-posizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew iġib ruħu jew jimxi ħażin ħafna fil-kors ta' jew dwar ix-xogħol tiegħu, f'dak il il-każ, mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 18, l-Awtorita' tista' –

»(a) iċċanfru; jew

»(b) tissospendi l-liċenza tiegħu għal dak iż-żmien li l-Awtorita' tista' jidhrilha xieraq; jew

»(ċ) tħassar il-liċenza tiegħu.

»(4) Qabel ma tasal għal xi deċiżjoni skont id-disposizzjonijiet tal-aħħar subartikolu qabel dan, l-Awtorità għandha tagħti lill-*foreman* interessat l-opportunità kollha biex jippreżenta l-każ tiegħu.

»(5) Matul kull proċedura skont id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu *foreman* jista' jkun assistit minn dik il-persuna li jidhirlu xierqa.

»(6) Ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma għandha tapplika għal kuntrattur."

»A.L. 437/2007

»Dan l-Avviż Legali daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2008 bħala parti mir-riforma fil-portijiet u inħareġ *ai termini* tal-artiklu 17 tal-Kap. 171 tal-Liġijiet ta' Malta. Stabbilixxa l-età ta' l-irtirar tal-*foremen* bħala dik ta' wieħed u sittin (61) sena u din il-kondizzjoni ġiet miżjuda bħala kondizzjoni għall-għotja ta' liċenza.

»Illi l-artiklu 17 tal-Kap. 171 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi illi:

»"Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti għall-eżekuzzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza u, mingħajr ħsara għall-ġeneralità ta' 'l fuq imsemmi biex:

»"…

»(*b*) jipprovdu ... biex jistabbilixxi n-numru ta' *foremen* li għandu jkollhom liċenza u l-età li fiha foremen impjegati minn kuntrattur jistgħu jirtiraw" (enfasi ta' din il-qorti).

»... … …

»Konsiderazzjonijiet preliminari ta' din il-qorti

»Illi kemm fl-atti proċesswali kif ukoll fit-trattazzjoni saru riferenzi għas-sentenzi fil-kawżi ċitati fl-ismijiet Victor Spiteri *et. v*. L-Avukat Ġenerali *et* (Q.K. 1.1.2009) u Anthony Attard *et v*. UĦM *et* (Q.K. 28 ta' Ġunju 2012).

»… … …

»… … … Għalkemm il-fatti fil-kawżi premessi rigwardanti *foremen* oħra mhumiex identiċi għall-fatti tal-każ odjern, effettivament jittrattaw liċenza waħda – il-liċenza ta' *foreman* tal-ħaddiema tal-port. Għal-daqstant l-osservazzjonijiet u l-konklużjonijiet tal-qrati surriferiti ser jiġu kkonsidrati għall-fini ta' din is-sentenza sa fejn japplikaw għall-fatti partikolari ta' dan il-każ u dment li mhumiex manifestament skorretti jew ma ssirx inġustizzja lill-partijiet.

»… … …

»Dan premess għandu jiġu wkoll senjalat li b'differenza mar-rikorrenti fil-każ ta' Attard *et* u Victor Spiteri, ir-rikorrenti fil-każ tallum aċċettaw li

jidħlu fl-iskema ta' irtirar kmieni, iffirmaw dikjarazzjoni f'dan is-sens, aċċettaw il-kumpens offrut u tħallsu. Dan kollu bilfors irid ikun parti mid-deliberazzjonijiet ta' din il-qorti biex tasal għall-konklużjoni tagħha dwar a) jekk il-leżjoni lamentat huwa minnu u b) ir-rimedju xieraq.

»Eċċezzjonijiet preliminari

»Il-qorti ser tibda biex tindirizza l-eċċezzjonijiet preliminari dwar il-leġittimità passiva tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta u tal-Ministru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar.

»… … …

»Ikkonsidrat li permezz tal-kawża odjerna, għalkemm r-rikorrenti ma talbux espressament dikjarazzjoni li l-Avviż Legali 437/2007 huwa lesiv tad-drittijiet fondamentali tagħhom, fil-premessi tagħhom jgħidu hekk:

> »"Illi dan l-Avviż Legali huwa in vjolazzjoni tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea peress li ħareġ oltre l-poteri tal-ministru konċernat li aġġixxa *ultra vires* peress li huwa kellu biss il-poter li jagħmel regolamenti meta *foreman* jista' jirtira u mhux meta għandu jirtira. Illum dan il-fatt ġie deċiż mill-qrati Maltin".

» Hekk ġie deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fil-każ ta' <u>Anthony Attard *et v.* UĦM eit</u> (sentenza tal-20 ta' Frar 2009):

> »"Huwa minnu li, normalment, kawża għal dikjarazzjoni li liġi sussidjarja hija *ultra vires* il-liġi prinċipali ma timportax bħala konsegwenza neċessarja leżjoni ta' drittijiet fondamentali; iżda, mill-banda l-oħra, lanqas jista' jiġi eskluż apprioristikament li tali liġi sussidjarja, jekk tkun hekk *ultra vires*, tkun tista' twassal għal tali leżjoni, u dan speċjalment fid-dawl ta' dak li hu impliċitu għall-finijiet ta' l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni – *assumendo*, għall-grazzja tal-argument, li l-liċenza li jivvantaw ir-rikorrenti hija "possediment" għall-finijiet ta' dana l-artikolu, "[*d*]*eprivations of property must also conform with requirements of lawfulness, both as regards the existence of a basis for the measure in domestic law and the requisite quality of the law*."

»Illi mhux ikkontestat li dan l-Avviż Legali nħareġ in forza tal-artikolu 17 tal-Kap. 171 mill-"Ministru" li skont l-istess Ordinanza "'Ministru' tfisser il-Ministru responsabbli għall-portijiet, u tinkludi kull persuna li taġixxi taħt l-awtorità tiegħu". Fis-sena 2007 il-Ministru responsabbli kien il-Ministru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni.

»Aparti din il-konsiderazzjoni il-ministru responsabbli għall-ħruġ u tiġdid tal-liċenzji in mertu huwa l-istess ministru responsabbli għall-portijiet.

»Bħala fatt il-qorti taċċetta x-xiehda ta' Matthew Vella li esebixxa estratti mill-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta tal-14 ta' Mejju 2013 minn fejn jirriżulta li l-Ministru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar mhuwiex il-ministru responsabbli għall-portijiet.

»Għalhekk il-qorti taqbel li l-ministru imsemmi mhuwiex il-leġittimu kontradittur f'din il-kawża u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju *a tenur* tal-artiklu 181B(1) tal-Kap. 12.

»L-Awtorità tat-Trasport f'Malta

»Illi jirriżulta x-xiehda ta' Dr Robert Vassallo in rappreżentanza tal-awtorità intimata li hija l-istess awtorità li mhix qed tagħti effett għall-Avviż Legali in mertu. "L-emenda hemm għadha, nafu bid-deċiżjonijiet u aħna mhux ser ninfurzaw sakemm isiru l-emendi li hemm bżonn".

»Fid-dawl ta' din ix-xiehda, jirriżulta li l-awtorità hija l-entità li qed tapplika s-sentenzi surriferi fil-konkret. Bħala tali, għalkemm il-qorti tifhem li l-leġislazzjoni temani mill-Parlament, u l-Avviż Legali mill-ministru, jirriżulta mill-provi li l-awtorità hija attivament ko-parteċipi fit-twettiq tar-rimedji imposti flimkien mal-eżekuttiv u għaldaqstant l-involviment tagħha tista' tkun meħtieġa semmai għall-fini tar-rimedju li jista' jiġi impost minn din il-qorti.

»Għaldaqstant fiċ-ċirkostanzi din il-qorti ser tiċħad l-eċċezzjoni in kwantu sollevata mill-awtorità intimata.

»L-Avukat Ġenerali

»Illi l-Avukat Ġenerali ssolleva din l-eċċezzjoni fis-sottomissjonijiet tiegħu kif ukoll fit-trattazzjoni orali finali.

»Illi *ai termini* tal-artiklu 728(2) tal-Kap. 12 ma tista' tingħata l-ebda eċċezzjoni ulterjuri mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-qorti fuq rikors appożitu. Dan ma sarx fil-każ odjern u għaldaqstant din il-qorti mhix ser tikkonsidraha iżjed.

»Konsiderazzjonijiet fil-mertu

»Illi r-rikorrenti eċċipew fil-mertu li:

> »ir-rikorrenti għandhom jippruvaw il-fatti allegati;
>
> »li ma jaqblux mal-interpretazzjoni ġudizzjarja mogħtija fil-każ ta' Anthony Attard dwar jekk l-Avviż Legali 437/2008 huwa *ultra vires* id-diskrezzjoni tal-ministru kkonċernat;
>
> »li liċenza mhuwiex "possediment" *ai fini* tal-artikou 37 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;
>
> »u li, *inoltre*, ir-rikorrenti tħallsu kumpens sostanzjali u daħlu fl-iskema volontarjament kif ukoll li l-emendi introdotti ma kinux arbitrarji u illegali;
>
> »li hu leċitu li tiġi imposta età ta' rtirar; u
>
> »li l-prinċipju ta' proporzjonalità ġie rispettat f'dan il-każ.

»Eċċipew ukoll li l-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni mhijiex ġustifikata legalment u lanqas fattwalment.

»Għal dak li jirrigwarda t-talba tal-kumpens opponew li ma hemm l-ebda lok għal kumpens pekunarju.

»… … …

»Possediment jew *bien*

»Illi ġà ġie deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali l-liċenza ta' *foreman* tal-ħaddiema tax-xatt huwa possediment għall-fini tal-artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll.

»Hekk fil-każ <u>Victor Spiteri *v.* UĦM *et*</u> il-Qorti Kostituzzjonali irribadiet li:

»“Li l-liċenza ta’ negozju għandha titqies bħala possediment tutelabbli hu *ormai* stabbilit fil-ġurisprudenza. Liċenza għandha valur monetarju li biha persuna taqla’ l-għixien tagħha u tal-persuni li tħaddem jew li jiddependu minnha. Liċenza hija neċessarja biex persuna topera u għandha valur ekonomiku. F’dan is-sens il-qorti ta’ Strasbourg kemm-il darba ddeċidiet li ‘*according to its case-law, the termination of a licence to run a business amounts to an interference with the right to the peaceful enjoyment of possessions guaranteed by Article 1 of Protocol No. 1 to the Convention*’.

»… … …”

»Illi l-istess qorti, fis-sentenza mogħtija fit-28 ta’ Ġunju 2012 fil-każ Anthony Attard *et v.* UĦM *et* il-Qorti irribadiet li:

»“Dwar l-ewwel element, ma hemm l-ebda dubju li t-tifsira mogħtija lill-kelma “possediment” fl-imsemmi artikolu tal-Konvenzjoni hija waħda wiesgħa u żgur tmur lil hinn mit-tifsira ta’ sempliċi proprjeta’. … … …

»… … …

»*Inoltre,* din il-qorti diġà stabbiliet li din il-liċenza partikolari hija possediment, u dan f’sentenza li tat fil-konfront ta’ *foreman* ieħor li kien igawdi liċenza bħal ma għandhom ir-rikorrenti f’din il-kawża (ara Spiteri *v.* Avukat Ġenerali *et*, deċiża fl-1 ta’ Ottubru 2009 … … …”

»Illi bħal ma ġie osservat fil-każ ta’ Attard, iċ-ċirkostanzi bejn dawn il-kawżi huma differenti, però l-liċenza hija l-istess u ma ġewx sollevati argumenti ġodda li jistgħu jipperswadu lil din il-qorti biex ma tasalx għall-istess konkużjoni.

»Għaldaqstant hi tal-fehma wkoll li l-liċenza huwa “possediment” jew “proprjetà” *ai fini* tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni.

»Legalità tal-A.L. 437/2007

»Illi l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza ċitata fil-każ ta’ Anthony Attard *et* tat-28 ta’ Ġunju 2012 ikkonkludiet kategorikament, b’affermazzjoni tar-raġunament u tal-konklużjonijiet milħuqa mill-qorti tal-ewwel istanza, li bil-miżura li ttieħdet mill-intimati appellanti ġew leżi d-drittijiet ta’ proprjetà tar-rikorrenti.

»Il-Qorti Kostituzzjonali ikkonkludiet hekk wara li kkonsidrat li l-Avviż Legali 437/2007 impona età ta’ l-irtirar fuq il-*foremen* tal-ħaddiema tal-port u għaldaqstant kien *ultra vires* il-poteri tal-ministru ikkonċernat. L-*enabling law* tagħti fakoltà lil ministru jistabbilixxi l-età li fiha il-*foremen* “jistgħu” jirtiraw, filwaqt li l-Avviż Legali relattiv jimponi età li fih il-*foremen* “għandhom” jirtiraw, u dan għamlitu billi stabbilixxiet wara liema età l-liċenza ma tiġġeddidx.

»Il-qorti kkonsidrat eċċezzjonijiet identiċi sollevati mill-intimati fil-każ odjern u, wara li eżaminat l-artikolu 17 tal-Kap. 171 (l-*enabling provision)* ikkonkludiet li, f’każ ta’ konflitt bejn it-test Malti u t-test Ingliż, għandu jipprevali t-test Malti li kien ċar u ma jippermettix interpretazzjoni tal-intenzjoni tal-ministru. Il-Qorti Kostituzzjonali iċċitat b’approvazzjoni is-sentenza fl-ismijiet Cutajar *v.* Direttur tal-Uffiċċju Konġunt, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta’ April, 2012, fejn id-differenza bejn iż-żewġ kelmiet (“*shall*” u “*may*”) ġiet sinjalata b’dik il-Qorti tirrimarka illi:

»"Fil-fatt dwar dawk il-proprjetajiet l-Avviż jgħid biss illi 'it-trasferiment jista' jsir ukoll', u mhux li 'għandu jsir'. Fi kliem ieħor, kull ma jagħmel l-Avviż hu li jagħti lill-gvern is-setgħa – meħtieġa taħt l-art. 3(1) tal-Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern [Kap. 268] – sabiex ikun jista' jittrasferixxi l-proprjetà, iżda ma jimponi ebda obbligu li jagħmel dak it-trasferiment."

»Illi l-intimati fil-każ odjern issottomettew li din l-interpretazzjoni hija żbaljata billi l-unika interpretazzjoni loġika tal-Ordinanza illi l-Ministru jista' jagħmel regolamenti li jistipulaw meta *foreman* għandu jirtira. Inkella, jekk wieħed isegwi l-argument tar-rikorrenti sal-konklużjoni loġika tiegħu, wieħed jifhem li r-rikorrenti qed isostnu illi jekk, ngħidu aħna, l-ministru jistabbilixxi l-età ta' 61 sena bħala l-età meta *foreman* jista' jirtira, *foreman* ikun marbut li ma jirtirax qabel dik l-età għax ma jkunx ***jista'*** jagħmel dan. L-interpretazzjoni korretta tat-test hija riflessa fit-traduzzjoni bl-Ingliż tal-Ordinanza, li tgħid "*shall retire*".

»Isegwi għalhekk li l-Avviż Legali 437 tal-2007 sar in konformità mal-Att prinċipali u *cioè* mal-Ordinanza dwar il-Ħaddiema tal-Port (Kap. 171 tal-Liġijiet ta' Malta).

»Din il-qorti ma taqbilx ma' din it-teżi għaliex tali interpretazzjoni mhuwiex permess minn qari tat-test Malti. Jiġi osservat li fis-sena 2007, fis-27 ta' Lulju 2007, ftit qabel il-pubblikazzjoni tal-Avviż Legali kien ġie emendat l-artikolu 17 tal-Kap. 171 li huwa l-*enabling provision* u l-kelma "jista'" fis-subartiklu 17(*b*) ma nbiddlitx. Din il-posizzjoni baqgħet l-istess sal-lum.

»Fid-dawl tal-premess il-qorti qed taddotta l-posizzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali billi mhix konvinta mill-loġika tal-intimati. Il-leġislatur għandu jkun ċar jekk irid jagħti lill-Ministru l-poter li jfassal regoli għat-terminazzjoni definittiva ta' liċenza ta' *foreman* marbut ma' kondizzjoni ġdida li hija l-età tal-*foremen*.

»Kif irribadiet l-ewwel qorti fil-każ ta' <u>Anthony Attard *et*</u> "L-argumenti tal-atturi huma tajbin u validi; madankollu trid tqis ukoll illi hawnhekk għandha eżerċizzju mill-eżekuttiv ta' setgħa li proprjament hija dik tal-organu leġislattiv tal-istat, u għalhekk l-eżekuttiv jista' jinqeda b'dik is-setgħa biss safejn iddelegata lilu. Fejn il-kliem tal-liġi huwa ċar, b'mod li l-intenzjoni tal-leġislatur tidher ċara, ma għandux jitwessa' b'interpretazzjoni mingħajr ma b'hekk jitqiegħed f'perikolu l-ekwilibriju bejn is-setgħat tal-organi tal-istat għax jiġu użurpati setgħat li huma tal-organu leġislativ".

»Għaldaqstant din il-qorti tagħmel tagħha dawn l-istess konsiderazzjonijiet u konklużjonijiet u tqis li l-emenda introdotta bl-Avviż Legali 437/2007 u dak li seħħ mill-istat u mill-awtoritajiet konċernati biex jimplimentaw l-Avviż Legali msemmi, inkluż l-iskema tal-irtirar kmieni, huwa illeġittimu in kwantu *ultra vires* f'dik il-parti tiegħu li jistabbilixxi l-età meta l-atturi kellhom jirtiraw mix-xogħol, ma ġġedditx il-liċenza tagħhom ta' *foremen* tal-ħaddiema tal-port.

»Ġjaladarba din il-kondizzjoni ta' legalità mhix soddisfatta, isegwi li din il-qorti m'għandhiex għalfejn tidħol fil-kwistjoni ta' proporzjonalità u għaldaqstant ser issib leżjoni tad-drittijiet ta' proprjetà tar-rikorrenti.

»Diskriminazzjoni – art. 45 tal-Kostituzzjoni u art. 14 tal-Konvenzjoni

»Illi r-rikorrenti jilmentaw li l-liċenza tagħhom ittiħditilhom bil-forza u inġustament u qed isofru diskriminazzjoni meta imqabbla ma' diversi

*foremen* oħra bħalhom li jew reġgħet iġġeditilhom il-liċenza jew ingħataw kumpens xieraq li jirrispekkja t-telf ta' qligħ sa 71 sena.

»L-intimati eċċipew li d-diskriminazzjoni ilmentata mhix fost dawk il-kriterji elenkati fil-liġi u li semmai ir-rikorrenti ġew vantaġġjati u ġew offerti l-iskema tal-irtirar kmieni li għażlu li jużufruwixxu minnha. *Inoltre* ma jistgħux jagħżlu li jqabblu ruħhom ma dawk il-*foremen* li ma applikawx għall-iskema ta' rtirar kmieni.

»Illi l-qorti tibda biex tosserva li fil-każ ta' Attard *et* il-qorti ma daħlitx fil-kwistjoni tal-allegat diskriminazzjoni "billi l-istess Avviż Legali, f'dik il-parti msemmija, ma jiswiex u ma għandu ebda effett, diskriminatorju jew mhux, ma tqisx it-talba taħt l-art. 14 tal-Konvenzjoni." Ma kienx hemm appell fuq dan il-punt.

»Min-naħa l-oħra, il-Qorti Kostituzzjonali fil-każ ta' Spiteri, fis-sentenza tal-1/10/2009 ikkonfermat il-konklużjoni tal-qorti tal-ewwel grad li ma sabetx aġir diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrent u *cioè*:

> »"Hu risaput li mhux kull trattament differenti jwassal għal sejbien ta' trattament diskriminatorju. Ir-regolament in kwistjoni dwar l-età tal-irtirar japplika għal dawk kollha li għandhom liċenza ta' *foreman*. L-ewwel qorti sabet li kien hemm raġunijiet oġġettivi u raġjonevoli li jiġġustifikaw dak it-trattament differenti li kellhom jitqiesu bħala li setgħu jiġu konsidrati bħala ċirkostanzi maħsuba mil-liġi fejn id-differenza fit-trattament minħabba l-età ma kellux jitqies minnu nnifsu bħala diskriminatorju."

»Illi l-art. 45 tal-Kostituzzjoni jiddisponi testwalment li:-

> »"(1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (4), (5) u (7) ta' dan l-artikolu ebda liġi ma għandha tagħmel xi disposizzjoni li tkun diskriminatorja sew fiha nfisha jew fl-effetti tagħha".

»Is-subinċiż (3) tal-istess artikolu jipprovdi illi fl-artikolu il-kelma *"dis-kriminatorju"* tfisser:

> "għoti ta' trattament differenti li diversi persuni attribwibbli għal kollox jew prinċipalment għad-deskrizzjoni tagħhom rispettiva skont ... is-sess li minħabba fiha persuni ta' deskrizzjoni waħda bħal dawn ikunu soġġetti għal inkapaċitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn ma jkunux soġġetti għalihom ..."

»Illi però sabiex japplika l-istess artikolu 45 (1) xorta ma jridx ikun każ li jaqa' taħt is-subartikoli (4) (5) u (7) tal-istess artikolu, tant li l-istess subartikolu jagħmel eċċezzjoni għalihom fl-istess subartikolu (1).

»… … …

»Biex ikun hemm diskriminazzjoni, għalhekk, mhux biżżejjed li wieħed jilmenta li ġie trattat ħażin jew li ġie trattat bi preġudizzju jew bi ħsara għad-drittijiet tiegħu, iżda dak l-aġir irid jiġi mqabbel ma' aġir fil-konfront ta' persuna oħra f'sitwazzjoni simili bħal tiegħu (*"analogous situation"*), u li d-differenza fit-trattament kienet minħabba raġuni ta' sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika *etc*. Fit-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati fil-Konvenzjoni, ir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 14 huma biss esemplifikattivi, u għalhekk l-età tista' tkun waħda mir-raġunijiet li tista' twassal għal diskriminazzjoni.

»Hawn tajjeb osservat l-ewwel qorti fil-każ ta' Victor Spiteri fuq ċitat li d-diskriminazzjoni abbażi tal-età huwa parti mid-dritt komunitarju li

huwa wkoll parti mill-ordinament ġuridiku Malti fejn distinzjonijiet bażati fuq l-età bħala waħda mir-raġunijiet li dwarhom tista' sseħħ diskriminazzjoni – kemm jekk diretta u kif ukoll jekk indiretta – fil-qasam tal-impieg.

»Illi *inoltre* għandu jingħad li d-dritt enunċjat f'dawn l-artikoli jirreferi mhux biss għal diskriminazzjoni diretta imma ukoll għal dik indiretta (*indirect discrimination)* fejn disposizzjoni legali newtrali hija diskriminatorja fl-applikazzjoni tagħha.

»Il-qorti trid tara jekk f'dan il-każ kienx hemm diskriminazzjoni billi teżamina jekk jirriżultax trattament differenti ta' persuni *"placed in analogous situations".*

»Ir-rikorrenti ssottomettew li b'konsegwenza tar-riforma, illum hemm erba' kwalitajiet ta' liċenza ta' *foreman*, u *cioè* wieħed li għandu liċenza li tibqa' tiġġedded sal-mewt, oħrajn ħadu kumpens sal-età ta' 71 sena, id-9 rikorrenti f'din il-kawża sa 61 sena, u dawk il-*foreman* li għadhom bil-liċenza li jaħdmu fil-koperattiva li "għad irid jilħaq wieħed minnhom l-età ta' wieħed u sittin biex naraw x'ser jiġri dak iż-żmien".

»Dan ma ġiex kontradett mill-intimati. Anzi mistoqsi *inter alia* jekk dawk li għadhom mal-koperattiva jistgħux jibqgħu għaddejjin *a vita* billi l-Avviż Legali ġie rtirat, Dr Robert Vassallo xehed li l-artiklu mhux ser jiġi infurzat u dawk il-foremen li huma llum membri tal-koperattiva jibqgħu bil-liċenza sakemm jibqgħu f'saħħithom.

»Fil-każ ta' Victor Spiteri l-qorti kkonkludiet li r-rikorrent ma jistax iqis lilu nnifsu fl-istess sitwazzjoni bħal kwalunkwe *self employed* ieħor billi kull xogħol għandu l-karatteristiċi partikolari tiegħu u fil-każ tar-rikorrent qed nitkellmu fuq liċenza ta' *foreman* f'kuntest ta' xogħol fil-port. Għalhekk fil-fehma tal-qorti t-taqbil kellu jsir ma' persuni oħra li għandhom liċenza ta' *foreman* tal-port bħalu u li huma regolati wkoll bil-liġi speċjali bħar-rikorrent u hekk għamlet f'dik is-sentenza u caħdet it-talba ibbażata fuq allegat diskriminazzjoni.

»Illi iżda l-każ odjern hu kemmxejn differenti.

»Illi indubbjament ir-riforma tal-port hija miżura li għandha *an objective and reasonable justification* għat-trattament differenti, anke jekk din tasal għar-riduzzjoni tan-numru tal-*foremen* tal-ħaddiema tal-port. Iżda l-kwistjoni odjerna llum inbidlet u r-rikorrent odjerni huma żvantaġġjati meta mqabbla ma' *foremen* oħra tal-ħaddiema tal-port f'kuntest fejn ir-riforma kkontemplata bl-Avviż Legali 437/2007 ġiet dikjarata *ultra vires* u lesiva tad-dritt ta' proprjetà.

»Isegwi li għandhom raġun ir-rikorrenti jqajmu bħala punt ta' riferiment il-każ ta' Anthony Attard *et* u ta' Victor Spiteri *et*. Dawn is-sentenzi, fil-fehma ta' din il-qorti, biddlu n-narrattiva fattwali u legali fil-kuntest tad-dritt in konsiderazzjoni. Anteċedentement għal dawn is-sentenzi l-*foremen* kienu kollha fl-istess sitwazzjoni billi l-età ta' rtirar ġiet imposta fuq kollha mingħajr distinzjoni. Iżda llum il-konklużjoni milħuqa dwar l-Avviż Legali msemmi mill-ogħla organu ġudizzjarju tal-pajjiż tirrendi null u bla effett l-emenda legali u l-iskema istitwita retroattivament *ex tunc* u mhux *ex nunc.* B'hekk dak li seħħ bl-implementazzjoni u b'effett ta' dak l-Avviż Legali għandu jitqies li twettaq illegalment u bi ksur tad-drittijiet ta' proprjetà tar-rikorrenti odjerni.

»Bħala konsegwenza, ir-rikorrenti qed isofru mhux biss it-telfa tal-liċenza tagħhom imma anke n-nuqqas ta' konfort ta' kumpens xieraq billi dak lilhom imħallas hu ferm inferjuri fil-kalkolu għal dak aġġudikat mill-Qorti Kostituzzjonali. Dan ġie ikkalkulat fuq perjodu sakemm il-*foremen* jagħalqu l-età ta' 71 sena, u mhux 61, u għandu jitqies bħala fattur ieħor differenzjali b'applikazzjoni tal-prinċipju ta' *restitutio in integrum.*

»Illi fid-dawl tal-premess ma jistax jitqies li d-differenza fit-trattament li qed isofru r-rikorrenti f'dak li jirrigwarda t-teħid tal-liċenza ta' *foreman* u l-kumpens offrut huwa dovut għall-miżura li hija oġġettivament leġittima u raġjonevoli in kwantu qed isofru minħabba l-applikazzjoni ta' miżura li hija meqjusa leżiva tad-drittijiet ta' *foreman* tal-ħaddiema tal-port.

»Din it-talba hija għaldaqstant ġustifikata.

»Kumpens

»Illi għal dak li jirrigwarda l-kumpens ġà mħallas u l-oppożizzjoni tal-intimati fis-sens li xejn aktar hu dovut, ikkonsidrat li l-kumpens aġġudikat mill-Qorti Kostituzzjonali u dak imħallas lir-rikorrenti b'applikazzjoni tal-iskema tal-irtirar (maħruġa in segwitu għall-A.L. 437/2007) huwa fattur differenzjali bejn il-*foremen* f'din il-kawża u l-*foremen* fil-każ ta' Attard *et*. *Inoltre*, l-*foremen* attwali u anke Victor Spiteri baqgħu igawdu l-liċenza bil-vantaġġi kollha ta' a) dħul sostanzjali u b) dinjità tax-xogħol.

»Illi jirriżulta mix-xiehda tar-rikorrenti kollha li jinsistu li ma kellhomx għażla u kienu kostretti (indirettament) li jaċċettaw l-iskema tal-irtirar kmieni. Uħud minnhom xehdu li l-ministru kkonċernat mill-portijiet f'laqgħa minnhom qalilhom li l-liċenza ma kinetx sejra tiġġedded u li minn dakinhar tal-ftehim kull wieħed mill-*foremen* li jagħlaq il-wieħed u sittin sena kien ser jiġi sfurzat jirtira u tintilef xorta waħda l-liċenza relattiva. Xehdu wkoll li l-fatt li huma ma kinux litiġjużi u beżgħu joħduha kontra l-gvern ma għandux jippreġudikahom.

»Madanakollu l-qorti għalkemm taqbel li, jekk miżura hija illegali u abbużiva, jinkombi fuq l-istat li jirrimedja u mhux fuq il-parti imweġġa' li tiġġieled għad-drittijiet tagħha, fil-każ odjern mhix konvinta li d-deċiżjoni tar-rikorrenti li jaċċettaw l-offerta kienet motivata mill-konsiderazzjoni ta' telf ta' liċenza kif ser jiġi spjegat.

»Illi jirriżulta mid-dokumenti esebiti li r-rikorrenti kienu qed jiddikjaraw dħul ta' Lm13,100 fis-sena u anke iktar fil-każ tas-*ship foremen* fis-snin li ppreċedew ir-riforma. Din ir-riforma xorta kienet tippermettilhom ikomplu jaħdmu sal-età ta' 61 u f'tali każ ma hemm xejn fil-provi li jista' jinduċi lil din il-qorti li tikkonkludi li d-dħul tagħhom kien ser ivarja drastikament li kieku komplew jaħdmu u ma aċċettawx l-iskema offruta. Il-kumpens offrut u aċċettat ta' Lm8000 għal kull sena li fadlilhom sakemm jagħalqu l-età ta' irtirar hu ferm inferjuri għad-dħul regolari il kienu jiddikjaraw. Għalhekk kellhom l-għażla, jekk riedu, li jkompli jaħdmu sal-età ta' 61, igawdu d-dinjità tax-xogħol tagħhom almenu għas-snin li fadal u jdaħħlu introjtu sostanzjal sakemm jirtiraw.

»Dan premess, iżda, il-qorti lanqas tista' taċċetta t-teżi tal-intimati li l-aċċettazzjoni tar-rikorrenti tagħlaq kull bieb legali għar-rimedju ġust u xieraq fil-kuntest tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem. Huwa minnu li l-ħlas jestingwi l-obbligazzjoni imma, anke fil-kamp ċivili, ir-rinunzja

għandha tkun ċara u inekwivoka. Tali rinunzja ma tirriżultax mid-dokumenti iffirmati mir-rikorrenti fejn aċċettaw l-iskema – *multo magis* fejn ir-rinunzja tirreferi għad-drittijiet protetti mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni, li huma irrinunzjabbli.

»… … …

»Illi din il-qorti ma tara l-ebda impediment li r-rikorrenti jitpoġġew fuq l-istess keffa mar-rikorrenti fil-każ ta' Attard *et* għall-fini ta' kumpens billi taddotta bħala tagħha l-kalkoli tal-qorti f'dak il-każ għal dak li jirrigwarda l-*multiplier* tas-snin rimanenti sal-età ta' 71 sena. Għalhekk hija tal-fehma li r-rikorrenti odjerni għandhom jingħataw kumpens ikkalkolat sakemm jilħqu l-età ta' 71 sena jew parti mill-istess (*or part thereof).*

»Madanakollu għal dak li jirrigwarda l-ammont pagabbli għal kull sena, din il-qorti ma tistax tinjora l-fatt li r-rikorrenti aċċettaw €18,635 (Lm8,000) fis-sena meta kienu qed idaħħlu Lm13,000 fis-sena. Jgħidu x'jgħidu ma kien hemm xejn li żammhom milli jkomplu jaħdmu għas-snin li fadal għall-paga ogħla mill-kumpens imħallas. Lanqas tista' tinjora li bl-aċċettazzjoni tal-iskema tħallsu somma kapitali f'salt mingħajr il-ħtieġa li jkomplu jaħdmu u din is-somma għalhekk kienet żgurata jiġri x'jiġri.

»Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-qorti ser tillikwida l-kumpens effettiv segwenti pagabbli lir-rikorrenti individwalment fir-rata ta' €18,635 (Lm8,000) fis-sena għal kull sena minn meta għalqu 61 sakemm għalqu 71 u *cioè* għall-għaxar snin fl-ammont komplessiv ta' €186,350 għal kull wieħed minnhom.

»Illi r-rikorrenti ma għamlux talba *ut sic* għall-kumpens non-pekunjarju għad-danni morali. Madanakollu talbu lil din il-qorti fil-kompetenza tagħha biex tagħti kull rimedju li jidhrilha xieraq.

»Il-qorti tqis li l-effett tal-Avviż Legali huwa t-teħid prematur tal-liċenza mal-għeluq ta' età ta' 61. Għal dawn il-*foremen,* dan qegħedhom fi żvantaġġ billi kienet konswetudinali għall-*foremen* fil-port li jkomplu jaħdmu anke sakemm joqorbu l-eta' ta' 80 sena.

»Huma xehdu li ma kinux kapaċi jagħmlu xogħol ieħor billi għexu ħajjithom il-port. Saħansitra wieħed minnhom, Mario Spiteri, xehed li spiċċa bil-kalmanti.

»Illi l-qorti tqis li kellhom aspettattitva konkreta li jkomplu jaħdmu u li ħassew li d-dinjità tagħhom kienet tiddependi fuq ix-xogħol li kellhom.

»Għaldaqstant ser tillikwida danni non-pekunjarji fl-ammont ta' elfejn euro (€2000) kull wieħed b'żieda mal-kumpens pekunjarju.«

13. Minn din is-sentenza appellaw il-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura, l-Avukat Ġenerali u l-Awtorità għat-Trasport f'Malta b'rikors tat-28 ta' Ottubru 2016 li għalih l-atturi wieġbu fl-14 ta' Novembru 2016.

14. Nibdew bl-argumenti li tressqu fl-ewwel aggravju tal-konvenuti appellanti. Fl-ewwel parti ta' dan l-aggravju huma jargumentaw li l-liċenza ta' *foreman* tal-ħaddiema tax-xatt ma titqiesx "possediment" jew "proprjetà" għall għanijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni. Fissru hekk ir-raġunijiet għaliex jidhrilhom li dan huwa l-każ:

> »Illi dwar dik il-parti tad-deċiżjoni appellata fejn l-ewwel onorabbli qorti waslet għall-konklużjoni li l-liċenza ta' *foreman* tal-ħaddiema tax-xatt "huwa possediment jew proprjetà *ai fini* tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni", filwaqt li l-esponenti huma konsapevoli li fis-sentenzi ta' Spiteri u Anthony Attard *et* ċitati mill-onorabbli qorti tal-prim'istanza fejn liċenza ta' *foreman* tqieset bħala possediment, xorta jinsistu li tali liċenza ma tikkwalifikax bħali possediment għall-finijiet tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u tant inqas bħala "proprjetà" għall-finijiet tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni;
>
> »Illi jiġi umilment rilevat illi l-liċenza in kwistjoni ma tistax tintiret jew tkun trasferita f'isem ħaddieħor u lanqas tista' tinsilef jew tintuża minn xi persuna oħra, ħlief dik li kienet maħruġa f'isimha. Isegwi għalhekk illi t-tip ta' liċenza li kellhom ir-rikorrenti ma kinitx tagħtihom xi dritt ta' proprjetà kif deċiż mill-ewwel onorabbli qorti imma, *se mai,* dritt personali għall-perjodu ta' validità tal-liċenza lill-persuna liċenzata. Il-liċenza ta' *foreman* ma tistax tiġi ekwiparata ma' xi liċenza ta' ħanut jew operazzjoni kummerċjali oħra *stante* li ma tistax tiġi ikkummerċjalizzata u m'għandhiex abbinata magħha xi *goodwill* bħal fil-każ ta' ħanut;
>
> »Illi skont il-liġi, senjatament l-artikolu 5 tal-Ordinanza dwar il-Ħaddiema tal-Port u skont il-kundizzjonijiet indikati fl-istess liċenza, il-liċenza ta' *foreman* għandha validità ta' sena u tiskadi fil-wieħed u tletin ta' Diċembru ta' kull sena. Minnha nfisha mela, din il-liċenza ma tagħtix lok għal xi "aspettativi leġittimi" fir-rikorrenti appellati *oltre* li l-liċenza ladarba tiġi mġedda tibqa' valida sal-aħħar ta' dik is-sena partikolari. Għalkemm il-liċenza tista' tiġġedded minn sena għal sena jsegwi għalhekk li f'kull każ ma tistax titqies xi dritt perpetwu. L-uniku dritt li jista' jkollu *foreman* liċenzat huwa li jgawdi l-liċenza sal-aħħar tas-sena kurrenti u mhux li jgawdi dritt *in æternum.* Mill-fatti ta' dan il-każ partikolari jirriżulta li l-appellati baqgħu jgawdu dina l-liċenza (kif ingħad aktar 'il fuq meta nħareġ l-Avviż Legali li stipula l-età tal-irtirar l-appellati ma kinux għadhom laħqu l-età tal-irtirar hemm stipulat) u kien biss wara deċiżjoni infurmata u volontarja tagħhom li użufruwew ruħhom minn skema li permezz tagħha ċedew il-liċenza tagħhom versu somma ta' flus li huma rċevew.«

15. "Interess fi jew dritt fuq proprjetà" għall-għanijiet tal-art. 37 tal-Kostituzzjoni u "possedimenti" jew, aħjar, beni għall-għanijiet tal-art. 1 tal-Ewwel Protokoll mhux bilfors ikunu drittijiet *in re* jew drittijiet

perpetwi jew trasferibbli lil terzi biex jattiraw il-protezzjoni ta' dawk l-artikoli. Fil-każ tallum il-liċenza li kellhom l-atturi kellha valur ekonomiku għall-atturi għax bis-saħħa tagħha kienu jaqilgħu l-għixien tagħhom u ta' dawk li jiddependu minnhom. Barra minn hekk, ma jistax ma jingħadx illi l-atturi kellhom aspettattiva leġittima li l-liċenza tagħhom tiġġedded. Uħud minnhom kienu ilhom jaħdmu bħala *foremen* tal-ħaddiema tax-xatt għal ħafna snin u l-liċenza tagħhom kienet tiġġedded kull sena bla problemi ta' xejn sakemm huma jħarsu l-kundizzjonijiet imsemmija fil-liċenza, u, ladarba l-għixien tagħhom kien jiddependi minn hekk, setgħu raġonevolment jistennew li l-liċenza tiġġedded sakemm ma jkunx hemm raġunijiet tajba u leġittimi biex ma tiġġeddidx. Fi kliem ieħor, it-tiġdid tal-liċenza ma jiddependix mid-diskrezzjoni arbitrarja u insindakabbli tal-awtoritajiet, u dan jiġġenera favur l-atturi dritt imħares mil-liġi.

16. Il-kwistjoni jekk liċenza bħal dik tal-atturi titqiesx "possediment" jew "proprjetà'' għall-għanijiet tad-disposizzjonijiet tal-liġi li jħarsu dawk id-drittijiet ma hijiex ġdida fil-ġurisprudenza ta' dawn il-qrati u liċenza dejjem tqieset bħala dritt tutelabbli taħt il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni. Ma tressqu ebda argumenti ġodda li jistgħu jwasslu lil din il-qorti biex ma tasalx għall-istess konklużjoni.

17. Għaldaqstant, fil-fehma ta' din il-qorti l-liċenza tal-atturi appellati hija "possediment" jew "proprjetà'' għall-għanijiet tad-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni li taħthom saret din il-kawża tallum.

18. Fl-ewwel aggravju tagħhom il-konvenuti appellanti jkomplu jgħidu illi:

»... fil-kawża odjerna ma kien hemm l-ebda talba li tolqot il-validità tal-Avviż Legali in kwistjoni kif kien il-każ fil-proċeduri istitwiti minn Anthony Attard *et* ikkwotat mill-ewwel onorabbli qorti.«

19. Din il-qorti ma taqbilx ma' dan l-argument. It-talbiet fir-rikors li bih inbdiet din il-kawża juru illi l-atturi qegħdin jattakkaw il-validità tal-Avviż Legali, partikolarment fejn jitolbu illi l-qorti tgħid illi:

»… … … kull ftehim impost fuqhom biex jirtiraw mix-xogħol kif ukoll in-nuqqas ta' tiġdid ta' liċenza u, jew il-fatt li r-rikorrenti ġew kostretti permezz tal-Avviż Legali 437/2007 biex jirtiraw, jikkosistitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-atturi kif imħares taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.«

20. Il-konvenuti appellanti jargumentaw ukoll li l-ewwel qorti interpretat ħażin l-art. 17 tal-Kap. 171 u li l-interpretazzjoni tajba hija li l-ministru jista' jagħmel regolamenti li jgħidu meta *foreman* għandu jirtira. Huma fissru r-raġunijiet biex jiġġustifikaw dan l-argument kif ġej:

»... … … minkejja li mhux kontestat illi t-test Malti tal-artikolu 17 tal-Ordinanza juża l-kelma "jista'" u mhux "għandu jirtira", l-unika interpretazzjoni loġika tal-Ordinanza hi li l-Ministru jista' jagħmel regolamenti li jistipulaw meta *foreman* għandu jirtira u mhux meta jista' jirtira. Li kieku ma kienx hekk, dan l-provvediment tal-liġi kien ikun superfluwu peress illi *foreman* jista' f'kull każ jirtira qabel l-età stabbilita;

»Illi, mingħajr preġudizzju u għall-grazzja tal-argument, illi l-ministru jistabilixxi l-età ta' 61 sena bħala l-età meta *foreman* jista' jirtira, dan ikun ifisser li *foreman* ikun prekluż milli jirtira qabel dik l-età. Bir-rispett dovut, huwa manifest li tali interpretazzjoni litterali twassal għal sitwazzjoni inverosimili b'dan illi l-unika interpretazzjoni li tista' tingħata hi li l-Ministru jista' jagħmel regolamenti li jistipulaw meta foreman għandu jirtira;

»Illi din l-interpretazzjoni hija effettivament riflessa fit-test bl-Ingliż tal-Ordinanza, li tgħid "*shall retire*". Il-ġurisprudenza tgħallem li mhuwiex biżżejjed li wieħed joqgħod fuq dak li tgħid il-liġi iżda trid tqis ukoll il-ħsieb tal-leġislatur ossija r-*ratio legis* fl-interpretazzjoni li tingħata b'dan illi l-Avviż Legali 437/2007 sar in konformità ma l-Att prinċipali u *cioè* mal-Ordinanza dwar il-Ħaddiema tal-Port (Kap. 171 tal-Liġijiet ta' Malta). Isegwi għalhekk li l-ewwel onorabbli qorti ma kellha qatt tasal għall-konklużjoni illi "l-emenda introdotta bl-Avviż Legali 437/2007 u dak li seħħ mill-istat u mill-awtoritajiet konċernati biex jimplimentaw l-Avviż Legali msemmi, inkluż l-iskema tal-irtirar kmieni, huwa illeġittimu in kwantu *ultra vires* f'dik il-parti tiegħu li jistabbilixxi l-età meta l-atturi kellhom jirtiraw mix-xogħol, ma iġġedditx il-liċenza tagħhom ta'

*foreman* tal-ħaddiema tal-port. Ġjaladarba din il-kondizzjoni ta' legalità mhix sodisfatta, isegwi li din il-qorti m'għandhiex għalfejn tidħol fil-kwistjoni ta' proporzjonalità u għaldaqstant ser issib leżjoni tad-drittijiet ta' proprjetà tar-rikorrenti."«

21. It-*test* Malti tal-art. 17 tal-Kap. 171 – l-artikolu li taħtu nħareġ l-Avviż Legali 437 tal-2007 – igħid hekk:

»17. Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti għall-esekuzzjoni tad-dis-posizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, u, mingħajr ħsara għall-ġeneralità tal fuq imsemmi, biex - ... ... ...

»(*b*) jistabbilixxu ... ... ... l-età li fiha *foremen* impjegati minn kuntrattur jistgħu jirtiraw;«

22. Hemm diskrepanza bejn it-*test* Malti u dak ingliż tal-istess artikolu għax it-*test* ingliż jagħti lill-ministru s-setgħa li joħroġ regolamenti li jistabbilixxu l-età meta l-*foremen* għandhom jirtiraw u mhux meta huma jistgħu jirtiraw:

»17. The Minister may make regulations for carrying the provisions of this Ordinance into effect, and, without prejudice to the generality of the foregoing for - ... ... ...

»(*b*) providing for ... ... ... the determination of ... ... ... the age at which foremen employed by a contractor shall retire from work;«

23. L-art. 6(2) tar-Regolamenti dwar il-Ħaddiema tal-Port [L.S.171.02] kif emendat bl-Avviż Legali 437 tal-2007 jistabilixxi li wara li *foreman* jagħlaq l-età tal-pensjoni statutorja (l-età ta' wieħed u sittin sena) m'għandhiex tiġġeddidlu l-liċenza u għalhekk għandu jirtira:

»6. (2) L-Awtorità [għat-Trasport f'Malta] ma għandhiex toħroġ liċenza skond dan ir-regolament jekk ma tkunx sodisfatta li l-persuna li tapplika għal liċenza –

»… … …

»(*d*) ma jkunx għadu laħaq l-età tal-pensjoni statutorja;«

24. It-*test* malti tal-liġi fl-artikolu 17 tal-Kap. 171 – li jegħleb fuq dak ingliż[2] – huwa ċar u l-konsegwenzi loġiċi tiegħu huma ċari wkoll: il-ministru ma kellux il-setgħa li joħroġ regolamenti li jimponu età ta' rtirar għall-*foremen* tal-ħaddiema tax-xatt iżda l-poter mogħti lill-ministru kien dak li jipprovdi, permezz ta' regolamenti, meta dawn il-*foremen* jistgħu jirtiraw. L-interpretazzjoni mogħtija mill-ewwel qorti kienet għalhekk dik korretta.

25. Dan ifisser illi l-Avviż Legali safejn jimponi età ta' irtirar ma jiswiex għaliex sar mingħajr is-saħħa ta' liġi., Din il-parti tal-ewwel aggravju hija għalhekk miċħuda.

26. Fl-aħħar parti tal-ewwel aggravju tagħhom il-konvenuti appellanti jinsistu li ma kien hemm l-ebda ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni kif ukoll tal-art. 1 tal-Ewwel Protokoll għax l-atturi setgħu jibqgħu jaħdmu bħala *foremen* iżda huma minjeddhom għażlu li jinqdew bi skema ta' rtirar kmieni u ta' dan tħallsu kumpens sostanzjali; bl-ebda mod ma ġew imġegħla jaċċettaw dan l-iskema. Komplew fissru l-aggravju hekk:

> »… … … fattwalment mhux minnu illi l-liċenza tar-rikorrenti appellati ma ġietx imġedda u wisq anqas li l-appellati ġew imġiegħla permezz tal-Avviż Legali 437 tal-2007 jirtiraw mix-xogħol kif allegat minnhom. Għall-kuntrarju, kif jirriżulta ampjament mill-provi, l-appellati setgħu jibqgħu jaħdmu ta' *foremen* iżda kienu l-istess appellati li volontarjament għażlu li jużufruwixxu minn skema ta' rtirar kmieni u ta' dan tħallsu kumpens sostanzjali;
>
> »Illi dawn iċ-ċirkustanzi huma għal kollox differenti mill-każ ta' Victor Spiteri u Anthony Attard *et* li kienu qegħdin jilmentaw proprju għax ma ġewx offruti kumpens filwaqt li l-liċenza tagħhom ta' *foremen* kienet tneħħiet ħesrem bit-tħaddim tal-Avviż Legali. Fil-każ odjern, l-appellati saritilhom proposta sabiex jirtiraw kmieni u in kontrokambju ġew offruti

[2] Ara art. 8(3) tal-Att tal-1980 dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutorji.

kumpens. Huma aċċettaw din il-proposta tant li ssottoskrivew u individwalment iffirmaw il-ftehim eżebit in atti u aċċettaw il-kumpens offrut lilhom kif jirriżulta mill-provi prodotti u bl-ebda mod ma ġew imġiegħla kif allegat minnhom;

»Illi mill-atti jirriżulta ampjament li l-kunsens mogħti mill-appellat għall-iskema tal-irtirar offruta lilhom la ngħata bi żball, u lanqas ittieħed bi vjolenza jew bl-għemil doluż u effetivament ma ġew imnidija l-ebda proċeduri ċivili da parti tagħhom fejn jallegaw xi vizzju ta' kunsens, liema azzjoni hija ormaj perenta. Għalhekk m'hemm xejn x'jivvizzja tali kunsens debitament mogħti. Isegwi għalhekk li l-ewwel onorabbli qorti ma kellha qatt tasal għall-konklużjoni li mid-dokumenti ffirmati mir-rikorrenti llum appellati fejn aċċettaw l-iskema ta' irtirar kmieni, ir-rinunzja la hija ċara u lanqas inekwivoka;

»Illi bir-rispett dovut, dan jikkozza wkoll mall-fatt li l-appellati fl-ebda ħin ma rritornaw l-ammont li ġie mħallas lilhom abbażi tal-istess ftehim;

»Illi kemm l-Avviż Legali kif ukoll l-iskema tal-irtirar kmieni huma raġonevoli u ġustifikabbli. Ta' min jgħid ukoll illi anke fl-ambitu ta' liġi Ewropea ġie aċċettat illi l-imposizzjoni ta' età ta' rtirar hija legalment aċċettabbli jekk isir għal skopijiet leġittimi u jiġi rispettat il-prinċipju ta' proporzjonalità … … …;

»Illi f'dan ir-rigward, is-sentenza ta' <u>Victor Spiteri</u> ma stqarritx li l-imposizzjoni tal-età tal-irtirar ma kinitx waħda leġittima, iżda li ma kienx hemm proporzjonalità fil-mod kif ġiet imħaddma fil-konfront ta' Victor Spiteri. Iżda fil-każ odjern l-prinċipju ta' "proporzjonalità" ġie kjarament rispettat *stante* illi r-rikorrenti tħallsu kumpens sostanzjali bil-quddiem talli għażlu b'mod volontarju li jirtiraw kmieni. F'dan ir-rigward, wieħed irid jiftakar dan il-fattur importanti illi l-iskema tal-irtirar kmieni ma ġietx imposta fuq l-appellanti, u illi kienu huma stess li volontarjament u xjentement għażlu li jirtiraw kmieni u li jitħallsu ta' dan;«

27. Huwa minnu illi dak li sar bis-saħħa tal-parti impunjata tal-Avviż Legali ma jiswiex ladarba l-Avviż Legali nnifsu f'dik il-parti ma jiswiex għax *ultra vires*. Kien għalhekk li l-ewwel qorti qalet li m'hijiex biss l-emenda introdotta bl-Avviż Legali 437/2007 li hija illeġittima għar-raġunijiet imsemmijin, iżda dak kollu li seħħ mill-istat u mill-awtoritajiet konċernati biex jimplimentaw l-Avviż Legali msemmi, inkluż l-iskema tal-irtirar kmieni, huwa wkoll illeġittimu u konsegwentement bi ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni kif ukoll tal-art. 1 tal-Ewwel Protokoll:

»… … … din il-qorti … … … tqis li l-emenda introdotta bl-Avviż Legali 437/2007 u dak li seħħ mill-istat u mill-awtoritajiet konċernati biex

> jimplimentaw l-Avviż Legali msemmi, inkluż l-iskema tal-irtirar kmieni, huwa illeġittimu in kwantu *ultra vires* f'dik il-parti tiegħu li jistabbilixxi l-età meta l-atturi kellhom jirtiraw mix-xogħol, ma ġġedditx il-liċenza tagħhom ta' *foremen* tal-ħaddiema tal-port.
>
> »… … …
>
> »… … … B'hekk dak li seħħ bl-implementazzjoni u b'effett ta' dak l-Avviż Legali għandu jitqies li twettaq illegalment u bi ksur tad-drittijiet ta' proprjetà tar-rikorrenti odjerni.«

28. Iżda huwa minnu illi l-iskema ta' irtirar kmieni sar bis-saħħa tal-Avviż Legali jew biex jimplimenta l-Avviż Legali? L-Avviż Legali, fil-parti relevanti, igħid illi l-atturi "għandhom" jirtiraw meta jilħqu l-età tal-pensjoni statutorja għax meta jilħqu dik l-età l-liċenza ma tinħariġ-ilhomx waqt li l-iskema jgħid biss illi "jistgħu" jirtiraw qabel dik l-età u tħalli f'idejhom jirtirawx jew le. Ma kienx meħtieġ l-Avviż Legali biex jinħareġ skema bħal dak u lanqas ma kien meħtieġ dak l-iskema biex jitwettaq l-Avviż Legali, aktar u aktar meta l-iskema ma jimponi ebda obbligu fuq l-atturi iżda biss jagħtihom fakoltà, jekk iridu u jekk hekk jagħżlu, li jirtiraw qabel l-età tal-pensjoni statutorja.

29. Barra minn hekk, kif wara kollox osservat l-ewwel qorti stess, din il-fakoltà li ngħataw li jirtiraw kmieni "xorta kienet tippermettilhom ikomplu jaħdmu sal-età ta' 61" u li l-atturi "... kellhom l-għażla, jekk riedu, li jkomplu jaħdmu sal-età ta' 61, igawdu d-dinjità tax-xogħol tagħhom almenu għas-snin li fadal u jdaħħlu introjtu sostanzjal sakemm jirtiraw" kif ukoll li "... aċċettaw €18,635 (Lm8,000) fis-sena meta kienu qed idaħħlu Lm13,000 fis-sena". Relevanti wkoll illi l-atturi "... bl-aċċettazzjoni tal-iskema tħallsu somma kapitali f'salt mingħajr il-ħtieġa li jkomplu jaħdmu u din is-somma għalhekk kienet żgurata jiġri x'jiġri".

30. Tassew illi d-deċiżjoni tal-atturi li jagħżlu li jirtiraw kmieni setgħet kienet influwenzata b'xi mod bil-fatt li l-Avviż Legali kien jimponilhom li jirtiraw meta jilħqu l-età ta' wieħed u sittin sena, iżda ma jistax jingħad illi dak il-fatt kien determinanti jew li effettivament ma ħallilhomx għażla. Li hu minnu hu li l-atturi ħadu l-benefiċċju li kien jagħti l-iskema, dak il-benefiċċju jridu jżommuh u jridu wkoll il-kumpens li ħa min dak il-benefiċċju għażel li ma jeħdux.

31. Din il-qorti għalhekk tqis li n-nullità tal-Avviż Legali safejn jimponi età ta' irtirar ma għandhiex twassal għan-nullità wkoll tal-iskema, ladarba l-iskema la sar bis-saħħa tal-parti impunjata tal-Avviż Legali u lanqas ma kienet meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dik il-parti tal-Avviż Legali. Il-konsegwenza hi li l-iskema ma jintlaqatx bin-nullità li tolqot lill-Avviż Legali fil-parti impunjata tiegħu.

32. Din il-parti tal-ewwel aggravju, għalhekk, safejn tgħid illi dak li sar bis-saħħa tal-iskema ma kienx bi ksur tal-liġi u lanqas bi ksur tal-jedd tal-atturi għat-tgawdija ta' ħwejjiġhom, qiegħda tintlaqa'.

33. Ngħaddu issa għat-tieni aggravju li ġie mfisser hekk:

> »Illi l-esponenti jħossuhom ukoll aggravat mill-fatt li l-ewwel onorabbli qorti tal-prim'istanza sabet ksur tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-artikolu 14 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali meħud flimkien mal-artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll;
>
> »Illi huwa paċifiku illi hemm diskriminazzjoni meta (i) każijiet ugwali jew persuni f'sitwazzjoniiet ugwali (ii) jiġu trattati b'mod differenti; u (iii) meta ma jkunx hemm bażi objettiva u raġjonevoli għal tali trattament differenti (tali bażi objettiva u raġonevoli tiġi nieqsa meta t-trattament differenti jkun attribwibbli għal kollox jew prinċipalment minħabba r-razza, il-post tal-oriġini, l-opinjonijiet politiċi, eċċetera tal-persuni). Huwa manifest għalhekk li l-artikoli msemmija ma japplikawx fil-każ odjern għaliex id-diskriminazzjoni allegata ma taqax taħt il-kriterji surriferiti li għalihom jirreferu l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni;

»Illi l-appellanti ssottomettew li, b'konsegwenza tar-riforma, illum hemm erba' kwalitajiet ta' liċenza ta' *foreman,* u *cioè* wieħed li għandu liċenza li tibqa' tiġġedded sal-mewt, oħrajn ħadu kumpens sal-età ta' 71 sena, id-9 rikorrenti appellati f'din il-kawża li ħadu kumpens sa 61 sena, u dawk il-*foreman* li għadhom bil-liċenza jaħdmu fil-koperattiva li "għad irid jilħaq wieħed minnhom l-età ta' wieħed u sittin biex naraw x'ser jiġri dak iż-żmien";

»Illi l-ewwel onorabbli qorti sabet ksur a tenur tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-artikolu 14 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali meħud flimkien mal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll abbażi tal-fatt li "r-rikorrenti odjerni huma żvantaġġjati meta mqabbla ma' *foremen* oħra tal-ħaddiema tal-port f'kuntest fejn ir-riforma kkontemplata bl-Avviż Legali 437/2007 ġiet dikjarata *ultra vires* u lesiva tad-dritt ta' proprjetà". Kompliet tgħid illi:

> »"Bħala konsegwenza, ir-rikorrenti qed isofru mhux biss it-telfa tal-liċenza tagħhom imma anke in-nuqqas ta' konfort ta' kumpens xieraq billi dak lilhom imħallas hu ferm inferjuri fil-kalkolu għal dak aġġudikat mill-Qorti Kostituzzjonali. Dan ġie ikkalkulat fuq perjodu sakemm il-*foremen* jagħaqlu l-età ta' 71 sena, u mhux 61, u għandu jitqies bħala fattur ieħor differenzjali b'applikazzjoni tal-prinċipju ta' *restitutio in integrum*.
>
> »"Illi fid-dawl tal-premess ma jistax jitqies li d-differenza fit-trattament li qed isofru r-rikorrenti f'dak li jirrigwarda t-teħid tal-liċenza ta' *foreman* u l-kumpens offrut huwa dovut għall-miżura li hija oġġettivament leġittima u raġjonevoli in kwantu qed isofru minħabba l-applikazzjoni ta' miżura li hija meqjusa leżiva tad-drittijiet ta' *foremen* tal-ħaddiema tal-port."

»Illi bir-rispett dovut, l-onorabbli qorti tal-prim'istanza ma kellha qatt tasal għal tali konklużjoni tenut kont tad-distinzjoni prinċipali bejn Victor Spiteri, Anthony Attard, Anthony Attard, Armando Chircop u Anthony Spiteri u r-rikorrenti appellati odjerni, *cioè* li dawn tal-ewwel ma kinitx tapplika għalihom l-iskema tal-irtirar filwaqt li r-rikorrenti appellati, li għalihom kienet tapplika tali skema, liberament aċċettaw tali proposta u tħallsu kumpens sostanzjali ta' tmint elef lira maltin (Lm8,000) għal kull sena jew parti minnha li kien għad jonqoshom sad-data tal-irtirar;

»Illi jsegwi għalhekk li l-ewwel onorabbli qorti ma kellha qatt tqiegħed ir-rikorrenti appellati fl-istess keffa ma' *foremen* oħra li għażu li jipproċedu b'azzjoni ġudizzjarja mingħajr qatt ma daħlu fl-ebda ftehim u ma aċċettaw l-ebda kumpens sabiex jirtiraw kmieni kif għamlu r-rikorrenti odjerni;

»Illi jsegwi għalhekk li r-rikorrenti ma ġarrbu l-ebda ksur tal-jedd li ma jkunux diskriminati u l-onorabbli qorti tal-prim'istanza ma kellha qatt issib ksur tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-artikolu 14 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali meħud flimkien mal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u tilqa' it-talbiet tar-rikorrenti fir-rigward.«

34. Kif sewwa fisret l-ewwel qorti jkun hemm diskriminazzjoni meta każijiet ugwali jew persuni f'sitwazzjonijiet ugwali jiġu trattati b'mod differenti meta ma jkunx hemm bażi oġġettiva u raġonevoli għal tali trattament differenti; jew jekk ma jkunx hemm rapport raġonevoli ta' proporzjonalità bejn il-mezzi impjegati u l-iskop mixtieq. Kemm fl-ordinament ġuridiku malti kif ukoll f'dak komunitarju tista' sseħħ diskriminazzjoni meta jkun hemm distinzjonijiet bażati fuq l-età tal-persuni.

35. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum kien hemm indubbjament distinzjonijiet bażati fuq l-età tal-*foremen* fis-sens li dawk taħt l-età ta' wieħed u sittin sena tista' tinħarġilhom liċenza waqt li lil dawk li qabżu dik l-età ma tinħariġx. L-atturi iżda kienu kollha taħt l-età ta' wieħed u sittin sena u għalhekk lil kollha setgħet, kieku riedu, tinħarġilhom il-liċenza; kien b'għażla tagħhom li waqfet tinħarġilhom il-liċenza qabel ma qabżu dik l-età. Il-posizzjoni tal-atturi tallum hija differenti minn dik tal-atturi fil-każ fl-ismijiet Anthony Attard *et v.* Unjoni Ħaddiema Magħqudin *et*[3] għax l-atturi tallum ingħataw kumpens meta għażlu li jirtiraw kmieni u jitħallsu ta' hekk, għalkemm setgħu għażlu li jkomplu jaħdmu, waqt li l-atturi fil-każ l-ieħor ma ngħatawx dak il-kumpens għax ma għażlux li jirtiraw kmieni, u l-kumpens ingħatalhom talli bis-saħħa ta' Avviż Legali li ma jiswiex kienu mġiegħla jirtiraw meta laħqu dik l-età. Is-sitwazzjonijiet ma humiex l-istess u l-atturi tallum għalhekk ma jistgħux jgħidu li ġarrbu diskriminazzjoni. Il-bażi oġġettiva għal dan it-trattament differenti bejn l-atturi tallum u dawk fil-każ l-ieħor kienet li l-

3 Kost, 10 ta' Marzu 2014.

atturi tallum għażlu minjeddhom li jirtiraw kmieni waqt li l-oħrajn kienu mġiegħla jirtiraw.

36. Din il-qorti għalhekk ma taqbilx mal-ewwel qorti li fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum l-atturi ġarrbu diskriminazzjoni bi ksur tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni meta mqabblin ma' *foremen* oħra bħalhom.

37. Għaldaqstant dan it-tieni aggravju għandu jintlaqa'..

38. Ngħaddu issa għat-tielet u l-aħħar aggravju tal-konvenuti appellanti li jiġbor fih diversi argumenti. Huma jibdew billi jargumentaw illi:

> »... fir-rigward tal-intimat Avukat Ġenerali, jingħad li dan iddaħħal fil-kwestjoni biss f'din il-kawża u ma jidher li kellu l-ebda lment kontrih. Mill-bosta provi li tressqu, ir-rikorrenti ma wrewx fejn u kif l-Avukat Ġenerali seta' kien jaħti la direttament u lanqas indirettament għall-allegazzjonijiet mressqa minnhom b'dan illi f'kull każ, u bla ħsara għall-premess, ma jirrispondix u lanqas għandu jagħmel tajjeb għal ebda danni pekunarji attwali jew morali;
>
> »Illi l-istess issostni l-Awtorità għat-Trasport f'Malta li ttenni illi, kif fl-aħħar mill-aħħar ġie rikonoxxut mill-ewwel qorti stess, ma kinitx l-entità li nidiet l-Avviż Legali 437/2007 iżda sempliċiment kienet qed tapplikah kif obbligata tagħmel.«

39. Għalkemm huwa minnu illi ma kinitx l-Awtorità għat-Trasport f'Malta li ħarġet l-Avviż Legali msemmi, madankollu l-ilment tal-atturi kien li l-ksur tad-drittijiet tagħhom seħħ mhux biss bil-ħruġ tal-Avvuż Legali iżda wkoll bl-implimentazzjoni tiegħu u b'dak li seħħ bis-saħħa tiegħu, li għalih twieġeb l-awtorità. Tassew illi sibna li l-iskema ma sarx bis-saħħa tal-parti impunjatra tal-Avviż Legali iżda din id-deċiżjoni setgħet tittieħed biss b'kontestazzjoni mal-kontraditturi leġittimi li fosthom, kif rajna, hemm l-awtorità. L-awtorità għalhekk kienet imħarrka sew.

40. Dwar il-leġittimazzjoni passiva tal-Avukat Ġenerali, il-qorti tosserva li ma tressqet ebda eċċezzjoni f'dan is-sens quddiem l-ewwel qorti. Madankollu, billi hija eċċezzjoni perentorja, taħt l-art. 732(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, tista' titressaq ukoll fil-qorti fi grad ta' appell.

41. Taħt l-art. 181B(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, "l-Avukat Ġenerali jirrappreżenta lill-gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-gvern". Ladarba f'din il-kawża ġie mħarrek il-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura f'isem il-gvern – bla ħsara għall-kwistjoni (ladarba ma tqanqlitx) jekk tħarrikx sew il-ministru billi taħt l-istess art. 181B f'ebda każ ma għandu jkun ministru li jirrappreżenta lill-gvern fl-azzjoniiet ġudizzjarji – l-Avukat Ġenerali tħarrek għalxejn u għalhekk għandu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju.

42. Din il-parti tal-aggravju safejn tolqot il-leġittimazzjoni passiva tal-Avukat Ġenerali għandha għalhekk tintlaqa'.

43. Parti oħra tal-aggravju tolqot il-*quantum* ta' kumpens pekunjarju kif ukoll dak non-pekunjarju li ngħata mill-ewwel qorti. Billi, għar-raġunijiet mogħtija fuq, din il-qorti ssib li ma seħħ ebda ksur tal-jeddijiet tal-atturi taħt l-artt. 37 u 45 tal-Kostituzzjoni, l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll u l-art. 14 tal-Konvenzjoni, din il-parti tal-aggravju ma tibqax relevanti.

44. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata: tikkonfermaha fejn ħelset lill-Ministru għall-

Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar mill-ħarsien tal-ġudizzju u fejn ċaħdet l-eċċezzjoni ta' illeġittimità passiva tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta u tħassarha fil-bqija; tiddeċiedi, minflok, li ma kien hemm ebda ksur tal-jeddijiet tal-atturi mħarsa taħt l-artt. 37 u 45 tal-Kostituzzjoni, l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll u l-art. 14 tal-Konvenzjoni u għalhekk tiċħad it-talbiet tal-atturi.

45. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad kif ukoll tal-appell, jinqasmu hekk: dawk relativi għall-eċċezzjoni għan-nuqqas ta' leġittimazzjoni passiva tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta tħallashom l-istess awtorità; l-ispejjeż l-oħrajn kollha iħallsuhom l-atturi.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb